# X'JIMPORTANI MINN ĠESÙ?

**Miktub minn Michael Green; Traduzzjoni ta' Paul Mizzi**

***Għal dawk li ma jaqrawx kotba reliġjużi***

## Werrej

Lill-Qarrej...

1 X'jimportani minn Ġesù?

2 Jimportak Għax Hu Reali

3 Jimportak Għax Hu l-Ideali

4 Jimportak Għax Għandu l-Ikbar Karattru

5 Jimportak Minħabba l-Offerta Tiegħu

6 Jimportak Minħabba x'Saħaq Fuqu Nnifsu

7 Jimportak Għax Iħobbok

8 Jimportak Għax Għeleb il-Mewt

9 Jimportak Għax Kapaċi Jibdillek Ħajtek

10 Jimportak Għax Għandek Bżonnu

11 Jimportak Għax Qed Isejjaħlek

12 Ikber Billi Jimportak

## Lill-Qarrej...

Kont fuq l-għatba tal-knisja x'ħin resaq fuqi wieħed minn nies dedikati fil-knisja u introduċieni ma' ħabib, li qal, 'Nemmen f'Alla, iżda għalfejn għandi noqgħod nikkoppa b'Ġesù? Tista' tirrikmandali xi ħaġa x'naqra fuq dan is-suġġett?'

Ma stajt naħseb f'xejn mal-ħaġra t-tajn. U iżjed tard, kif qallibt moħħi, xorta waħda ma nqala' ebda ktieb intenzjonat biex iqanqal l-għażż modern dwar Ġesù Kristu.

X'jimportak minn Ġesù?

Jidhirli li hi ħaġa ta' l-iskantament kif daqstant nies illum jistgħu jixħtu għajnejhom fuq l-akbar persunaġġ li qatt għex fuq wiċċ l-art u jgħidu, 'Allura? X'jimportani?'

Irrid inċaqlaq din l-indifferenza.

Kien għalhekk li ktibt dan il-ktieb qasir iżda bil-ponta.

Michael Green

## 1. X'jimportani minn Ġesù?

Għaxar snin ilu n-nies kienet tgħid li x-xjenza tat prova li Alla ma jeżistix u li ftit li xejn kien hemm x'wieħed jista' jitgħallem lil hinn mid-dinja fiżika tal-mument. Illum in-nies hi wisq inqas ċerta. Mid-dehra hemm evidenza dejjem tissaħħaħ li tabilħaqq teżisti dinja spiritwali lil hinn milli nistgħu sempliċament naraw, immissu, intogħmu, nisimgħu u nxommu. Ħafna qegħdin jipprovaw jisiltu ftit sens minn dan kollu u qed ifittxu f'diversi nħawi biex isibu xi tweġibiet.

Oħroġ il-għaġeb, fid-dinja suppost sofistikata tagħna, is-sħaħar u l-maġija sewda qatt ma sabu żvog daqshekk. L-Islam kulma jmur qed isir aktar popolari fil-Gran Brittanja u fost ġnus oħra. Il-Ħinduiżmu qatt ma gawda daqshekk influwenza daqskemm għandu llum, flimkien mal-meditazzjoni traxxendentali, il-mistiċiżmu tal-Lvant, il-filosofija tan-New Age u l-guri numerużi li ċelebritajiet bħalma hi Shirley MacLaine jisħqu li jsegwu. Reliġjonijiet ġodda u kawżi spiritwali qed jinfdu f'kull post bħall-ħmira fl-għaġna. Illum mhux biss ix-Xhieda ta' Ġeħova u l-Mormoni li jiġu jħabbtulek il-bieb: il-ġemgħa tal-Ħari Krixna abbli qed jiżfnu fi triqtek. Il-ħwienet ġenerali tal-kotba issa ssibilhom għażla sħiħa ta' titoli dwar in-New Age; l-interess fl-ispiritwaliżmu jissapportja għadd ġmielu ta' ħwienet speċjalisti tal-kotba. Jekk tqis dawk iffissati fuq il-UFO u l-qarrejja ta' l-oroskopju, ikollna nikkonkludu li m'aħniex sempliċament reliġjużi: aħna pożittivament xurbana bis-sopranaturali. Is-suq ta' l-allat jerġa' jinsab fostna u bil-kif.

Imma għala, fost il-konfużjoni ta' reliġjonijiet u superstizzjonijiet li fawwru s-suq bħal dulluvju, imissna nagħtu kas ta' Ġesù Kristu? Wara kollox, ilu popolari issa għal dawn l-aħħar elfejn sena. U, bir-rispett kollu għall-fondatur tal-Kristjaneżmu, id-dixxipli tiegħu ma tantx qatgħu impressjoni tajba u lanqas dehru tant attraenti quddiem dawk li għalihom Ġesù Kristu ma jgħid xejn speċjali. Sakemm xi alla jew ieħor jimla l-vojt fuq ġewwa, għalfejn tħabbel rasek fuq Ġesù?

Il-bqija ta' dal-ktieb hu tweġiba għal din il-mistoqsija importanti. Imma xtaqt nagħti tweġiba fuq fuq għat-tali li qed itella' u jniżżel x'jaqbad jagħmel fost ir-reliġjonijiet tad-dinja u l-kotra ta' setet ġodda - jew saħansitra l-okkult.

Fidi denja biex tgħix biha trid tkun vera

Jekk tibla' ħrafa, sabiħa kemm hi sabiħa, ma ssib fiha ebda appoġġ fis-siegħa tal-mewt. Ma tkunx kapaċi tgħixha u tgħallimha b'konvinzjoni. Fil-fond ta' qalbek, taf tajjeb li ma tissodisfakx jekk ma tkunx minnha. Hu fatt magħruf li reliġjonijiet bħalma huma l-

Mormoniżmu, ix-Xhieda ta' Ġeħova u l-Christian Science ma jgħaddux dan it-test b'suċċess. Minn twelidhom dawn is-setet kienu mdawwra bi frodi u qerq. Avolja ssib fosthom min hu amikevoli, avolja t-tagħlim tagħhom hu konfortabbli, meta tkejjilhom kontra l-verità, ma jgħaddux. Iżda Ġesù jgħaddi. Mhuwiex sempliċament veru: hu l-Verità nfisha.

Fidi denja biex tgħix biha trid tkun relevanti

Tista' tkun vera, imma jekk ma tagħmel ebda differenza fil-ħajja ordinarja tista' żżommha - għallinqas hekk nirraġuna jien. Ħafna minn dak li jgħaddi bħala Kristjaneżmu ma jagħmel ebda differenza notevoli għall-kongregazzjoni tal-Ħadd. In-nies ma jidhrux iżjed ferħana, iżjed ġenerużi, iżjed onesti jew iżjed faċli tgħix magħhom minn dawk li ma jmorrux knisja. Jekk il-Kristjaneżmu jfisser biss attendenza l-knisja kull nhar ta' Ħadd, naqbel miegħek; x'jimportana minn Ġesù?

Fidi denja biex tgħix biha trid tkun kapaċi tibdillek ħajtek

Jekk mhix kapaċi tneħħi l-biża', speċjalment il-biża' tal-mewt; jekk mhix kapaċi tqaċċatlek il-vizzji li jkunu weħlu bħall-koċċli miegħek; jekk mhix kapaċi tnaddaflek il-kuxjenza mill-ħtija - allura mhix dik li neħtieġ jien. Int ukoll, jidhirli. Il-glorja ta' Ġesù tinsab hawn: ħadd qatt ma kien vili żżejjed tant li Ġesù ċaħdu u warrbu, u ħadd qatt ma daħal f'kuntatt personali miegħu u baqa' bla ma ġarrab bidla f'ħajtu.

Fidi denja biex tgħix biha trid toffri tama għas-soċjeta’

Jekk fidi hi sempliċament individwali, hi ċkejkna wisq. Jekk hi sempliċament soċjali, tisfa impersonali. Parti mill-għaġeb tal-fidi Kristjana hu li qanqlet riforma, edukazzjoni, kura medika, idealiżmu fost ġnus sħaħ, kif ukoll trasformat individwi. B'kuntrast mal-Komuniżmu toffri t-tama ta' twettiq li fih dawk kollha ubbidjenti lejn Ġesù Kristu jkollhom sehmhom, mhux sempliċament dawk li jinzertaw għadhom ħajjin fl-aħħar. B'kuntrast mal-Buddiżmu, li joffrilna futur bl-individwalita’ sfaxxata (peress li nispiċċaw ilkoll mixruba fil-Wieħed), Ġesù jwiegħed lil niesu li għad ikunu għal dejjem f'dar Missieru. Kull individwu jkun hemm. Kulħadd ikun jgħodd. U l-ħaġa li tispikka tkun l-imħabba, mhux kulħadd minsi.

Fidi denja biex tgħix biha trid tkun tappella għal kulħadd

Jekk inhi vera, trid tkun vera għal kulħadd. L-Islam hu primarjament għall-Għarab u lokalitajiet maħkuma minnhom. Il-Buddiżmu u l-Ħinduiżmu jappellaw, il-biċċa l-kbira, għat-temperament Orjentali. Il-Komuniżmu jappella għall-magħkusa. Żen jappella għall-isfruttati fix-xogħol. Imma Ġesù hu l-bniedem għan-nies ta' kull razza, u jgħodd f'kull staġun tal-ħajja. L-għonja u l-foqra, l-Eskimo u n-Nubjan, l-edukat u s-selvaġġ: l-universalita’ ta' l-evanġelju hi propjament dak li tippretendi jekk inhu l-verità t'Alla.

Dawn huma wħud mill-ħwejjeġ li nfittex meta nikkonsidra fidi li jkollha ġġorr it-toqol tiegħi matul għomri kollu u f'wiċċ il-mewt. Trid tkun vera, relevanti, għandha ħila ġġib kambjament fil-ħajja ta' l-individwi u soċjetajiet sħaħ; trid tissodisfa l-ifnad ħtiġijiet tal-bniedem, u trid tkun applikabbli b'appell ugwali għall-bnedmin kollha kullimkien. Applika dat-test lir-reliġjonijiet l-oħra u tinduna l-għala jien entużjast dwar Ġesù ta' Nazaret. Ħadd ħliefu mhu kapaċi jissodisfa dawn il-kondizzjonijiet kollha ta' fidi li tista' tgħix biha. Minħabba f'hekk imissek tikkonsidra lil Ġesù.

Imma ma nistax u lanqas nippretendi li tibqa' biss fuq kelmti. Ejja nħarsu iżjed bir-reqqa, u nittama li fl-aħħar inkun tajtek diversi raġunijiet, fil-kapitli qosra li ġejjin, għala jmissek tqis sewwa lil Ġesù Kristu.

## 2 Jimportak Għax Hu Reali

Għal ħafna nies Ġesù mhux reali. Hu leġġendarju, bħal Cinderella. Hu eroj tal-folklor bħal fil-ħrejjef antiki ta' missirijietna. Il-maġġoranza tan-nies kważi ma jitgħallmu xejn dwaru mid-dar jew l-iskola llum, u l-idejat tagħhom dwar Ġesù ħaduhom mill-okkażżjonijiet rari meta missierhom u ommhom ġegħluhom imorru jew saħansitra jingħaqdu ma' xi grupp reliġjuż filwaqt li huma nfushom baqgħu d-dar jaqraw il-gazzetta fis-sodda. Għaliex għandu jimportahom dwar Ġesù?

Xi darba prova staqsi muntanar għala joqgħod jikkoppa biex jixxabbat ma' Snowdon - jew l-Everest. Probabbilment iwieġbek, 'Ħeq, għax teżisti!' Din hi sewwa sew raġuni waħda tajba għala jmissu jimportak dwar Ġesù. Jeżisti. Hu persuna storika reali, u mhux mit, leġġenda jew eroj tal-fantasija.

L-eżistenza tal-Knisja turi li Ġesù hu reali

Tista' targumenta kemm trid, imma ma tistax tinjora daqs ħmistax-il mitt miljun ruħ imferrxa mad-dinja kollha li jistgħu jittraċċaw il-fidi tagħhom lura lejn persunaġġ storiku, Ġesù ta' Nazaret. L-ewwel Insara kienu lkoll Lhud, u r-reliġjon tagħhom tnisslet mir-reliġjon ta' Iżrael. L-unika differenza bażika kienet din. L-Insara kienu ċerti li l-Ħellies il-Kbir mistenni fil-Ġudaiżmu attwalment ġie: Ġesù minn Nazaret. Għall-ħabta tas-sena 30 W.K. dan il-moviment ġdid, imsejjaħ il-Kristjaneżmu, ħareġ mill-Ġudaiżmu bla ma kellu xejn distintiv ħlief il-konvinzjoni tiddi li l-Ħellies kien wasal. Kien miet fuq salib u hekk, b'xi mod stramb, ġab is-soluzzjoni għall-ħażen u l-egoiżmu tagħna l-bnedmin. Kien qam mill-qabar: in-nies setgħet issir tafu. U kien qed jibni soċjeta’ ġdida, il-Knisja Kristjana.

Dan il-moviment infirex bħal sajjetta. F'temp ta' tletin sena kien hemm Insara fil-bliet ewlenin kollha ta' l-Imperu; taw impressjoni li kienu qatgħa stramba mhux ftit. Fosthom kien hemm taħlita ta' Lhud u Griegi, u bilkemm kien hemm xi ħadd ta' influwenza jew importanza fosthom, u madankollu komplew jikbru. Dehru ħienja tabilħaqq, jaħsbu fil-proxxmu mhux jiġbdu lejhom biss, ċertissmi li kienu nies maħfura mid-dnub, mimlija mħabba għal nies oħra. Ħwejjeġ tassew strambi. Probabbilment l-'imħabba' kienet pjuttost mgħawwġa: hekk jew hekk kienu jsejħu lil xulxin 'ħija' u 'oħti', u kellhom fama li kienu jieklu l-ġisem u d-demm ta' xi ħadd. Kif ma tissuspettax fihom? Għaldaqstant kienu t-tip ta' nies li Neruni seta' faċilment iwaħħal fihom meta Ruma nħarqet, għalkemm wisq probabbli n-nar bdih hu nnifsu fis-sena 64 W.K. biex ikabbar il-palazz tiegħu! Imma popolari jew mhux, il-bidu tal-Knisja juri li l-fondatur tagħha kien persuna reali. Impossibbli tispjegah mod ieħor.

L-Evanġelji juru li Ġesù kien reali

L-Evanġelji jippreżentaw ġeneru kompletament ġdid ta' letteratura, imqanqal mill-moviment ġdid. Ħadd ma kien kiteb evanġelji qabel. Għandna erbgħa, miktuba mis-segwaċi ta' Ġesù u s-soċji tagħhom. Ħafna mill-materjal ovvjament għadda minn komunita’ għall-oħra bil-fomm qabel ma tniżżel bil-kitba xi tletin jew erbgħin sena wara l-mewt ta' Ġesù. L-evanġelji nkitbu minn perspettivi differenti minn nies differenti, imma l-figura li jġibulna quddiemna hi fiċ-ċar l-istess. Ilkoll għandhom is-seħer ta' Ġesù dwarhom. Tant ħalla impressjoni fantastika fuq in-nies li l-kategoriji normali ta' l-istorja u l-bijografija donnhom ma kinux

biżżejjed. Kienu sforzati jibdew għamla letterarja ġdida fjamanta biex jippreżentaw kif jixraq lil dal-bniedem kompletament differenti mill-bqija. Inċidentalment, jekk jinqala' xi ħadd u jipprova jdaħħallek xi fellus ġo moħħok li l-evanġelji tbagħbsu u nbidlu mal-medda tas-sekli, abbli tkun interessat titgħallem li t-tradizzjoni tal-manuskritti hi wisq isħaħ għall-evanġelji tagħna milli hi għal kwalunkwe ktieb antik ieħor. Normalment xi elf sena tifred l-oriġinal mill-eqdem kopja li nippossedu. U normalment insibu kopja antika waħda jew tnejn li fuqha jiddependi t-test sħiħ. Imma nkwantu l-evanġelji għandna manuskritti li jeħduna lura sa mitt sena mill-oriġinali, u hemm litteralment mijiet ta' kopji antiki miktuba f'xi tnax-il lingwa. Nistgħu nibqgħu assolutament ċerti li l-evanġelji waslulna sewwa sew kif inkitbu oriġinarjament. Huma reali u ta' min jafdahom daqs Ġesù li dwaru jitkellmu.

## L-istoriċi antiki Rumani juruna li Ġesù kien reali

Dan hu fatt rimarkevoli ħafna meta tikkonsidrah sew, għax dawn ir-Rumani letterarji kienu qatgħa fl-ogħla skalluna tas-soċjeta'. Għaliex kellhom jikkoppaw ruħhom dwar għalliem raħħâl li għex f'xifer il-mappa, fil-Lhudija? Madankollu, xi wħud minnhom taw kas. Pliny kien il-Gvernatur fit-Tramuntana tat-Turkija, sewwa sew maġemb il-Baħar l-Iswed, madwar is-sena 112 W.K. Kiteb għadd ġmielu ta' ittri lill-Emperatur, u baqgħu ma nqerdux. Jgħidilna dwar il-Kristjani, l-għadd tagħhom, l-influwenza tagħhom (il-biegħ ta' vittmi għas-sagrifiċċju għall-imqades pagani kien waqa' u ġie fix-xejn!), il-qima tagħhom (kmieni filgħodu, b'innijiet lil Kristu bħala Alla), ħajjithom immarkata b'imħabba u bla deni lejn ħadd, u n-nuqqas ta' rieda tagħhom milli jehdew ikunu Nsara meta ordnalhom hekk! Ħafna minnhom qatilhom, imma l-moviment irrifjuta milli jbatti u jmut. Tista' taqra l-ġrajja kollha fl-Epistoli 10:96.

Awtur aristokratiku Ruman ieħor kien Cornelius Tacitus, il-Gvernatur tal-provinċja sinjura ta' l-Asja Minuri (illum it-Turkija ċentrali u mal-kosta). Jikteb kif l-Emperatur Neruni nqeda bl-Insara u tefa' t-tort fuqhom għan-Nar ta' Ruma fis-sena 64 W.K. Jgħarrafna dwar l-krudilta' inkredibbli prattikata fuqhom: xi wħud minnhom kienu mlibbsa bi ġlud ta' bhejjem selvaġġi u mqatta' bċejjeċ mill-klieb, filwaqt li oħrajn kienu mdellka bil-qatran u mogħtija n-nar bil-lejl fil-ġonna ta' Neruni. Tacitus ġietu ħasra għalihom, imma xorta waħda ma kinux jogħġbuh. Bi stil irraffinat jinnota:

L-isem 'Kristjan' ġabuh mingħand Kristu, li kien maqtul fir-renju ta' Tiberju mill-prokuratur Ponzju Pilatu; u l-fidi qerrieda, ikkontrollata għal xi żmien, reġgħet ħadet spinta u tferrxet mhux biss mal-Lhudija, mnejn żbokkat il-marda, imma saħansitra matul Ruma nfisha fejn tasal kull ħaġa mkasbra u ssirilha festa (Annali 15:44).

Hemm kotra ta' evidenza Rumana oħra li Ġesù kien persuna reali ta' data riċenti. Il-bliet ta' Pompej u Herculaneum kienu mgħarrqa bil-lava ta' vulkan fis-sena 79 W.K., u hemmhekk saru skavi ta' możajk Kristjan, pitturi mal-ħajt, u skrizzjonijiet - kif ukoll, wisq probabbli, kappella Kristjana bikrija. L-arkeoloġija wkoll kixfitilna digriet mill-Emperatur Tiberju (14-38 W.K.) jew Klawdju (41-54 W.K.), skopert f'Nazaret, li jhedded bil-piena kapitali lil dawk kollha li jbagħbsu ma' l-oqbra: mid-dehra din hi r-reazzjoni uffiċċjali għar-rapport ta' Pilatu dwar il-qabar vojt ta' Ġesù. Ma jista' jibqa' ebda dubju f'moħħ dak li lest jieħu l-evidenza storika bis-serjeta': Ġesù attwalment għex u miet fil-Palestina matul il-ħakma ta' Ponzju Pilatu, li ntemmet fis-sena 36 W.K.

## Il-kittieba Lhud ukoll juru li Ġesù kien reali

Il-fidi Kristjana malajr saret theddida kbira għall-Ġudaiżmu, u għandna evidenza li tindika li l-istess tismija ta' Ġesù ma kienet xejn pjaċevoli fid-dokumenti Lhud. Madankollu,

imferrxa matul il-Mishnah, insibu allużjonijiet bħal dawn. 'Rabbi Eliezer qal, "Balgħam ħares u ra li kien hemm raġel, imwieled minn mara, li kellu jqum u jfittex jagħmel lilu nnifsu Alla, u jġiegħel id-dinja kollha tisfa ngannata."' Naqraw dwar il-mirakli tiegħu, bil-kumment negattiv, 'Tgħallem il-maġija fl-Eġittu.' Naqraw ukoll dwar mewtu: 'Dendlu lil Jeshua ta' Nazaret lejlet l-Għid.' Imma s-silta l-iżjed sorprendenti jagħtihielna Josephus, fl-Antikitajiet 18:3. Josephus kien ġeneral refuġjat Lhudi, influwenti ħafna, u kiteb f'Ruma fid-disgħinijiet. Qagħad b'seba' għajnejn biex ma jidħolx bejn il-basla u qoxritha; u xtaq l-aħjar negozjati possibbli għaċ-ċittadini sħabu megħluba, li kienu mbażwra bl-assedju ta' Ġerusalemm fis-sena 70 W.K. Għaldaqstant ma tippretendix minnu li jtawwal wisq fuq figura kontroversjali bħal Ġesù. Allura x'jidhirlek minn dil-kitba tiegħu?

U għal dil-ħabta (jiġifieri meta Pilatu kien gvernatur) qam Ġesù, bniedem għaref, jekk tabilħaqq imissna nsejħulu bniedem; għax kien jagħmel egħġubijiet meraviljużi, għalliem ta' nies li jirċievu l-verità bi pjaċir. Rebaħ għan-naħa tiegħu ħafna Lhud u ħafna Griegi wkoll. Dan il-bniedem kien il-Messija. Meta Pilatu kkundannah għall-mewt fuq salib billi kien instigat mill-mexxejja tagħna, dawk li ħabbewh mill-bidu ma spiċċawx. Għax dehrilhom mat-tielet jum, ħaj wara mewtu, kif il-profeti qaddisa kienu ħabbru, u qalu ħafna ħwejjeġ ta' l-għaġeb oħra dwaru. U mqar issa r-razza tal-Kristjani, imsemmija għalih, għadha ma nqerditx.

Meta tiffaċċja silta ċara bħal din f'kittieb anti-Kristjan ma jibqagħlekx argumenti iżjed. Mhux għaġeb mela nsiru nafu kemm nies attakkaw dis-silta. Madankollu, dan il-pass jinsab fil-manuskritti kollha ta' Josephus. Xi partijiet minnu jistgħu faċilment ikunu ironiċi. Imma ma jifdlilna ebda dubju minn din l-evidenza Lhudija li Ġesù kien persuna storika reali. U nnota kif għandna allużjonijiet, imferrxa matul din it-testimonjanza ostili, għat-twelid mhux tas-soltu tiegħu ('imwieled minn mara' fil-kultura Lhudija tfisser 'ikkonċeput barra miż-żwieġ'), għad-data tiegħu, id-dixxipli tiegħu, il-mirakli tiegħu (għalkemm meqjusa bħala magħmulin bil-ħila tax-xitan!), x'saħaq dwaru nnifsu ('ifittex jagħmel lilu nnifsu Alla'), li kien il-Messija, mewtu fuq salib, il-qawmien tiegħu rapportat, u l-impatt dejjem jissaħħaħ fuq is-soċjeta' permezz tas-segwaċi tiegħu. Din qabda informazzjoni mhux ħażin kif miġbura minn sorsi li, għal raġunijiet differenti, kienu tant opposti għall-Kristjaneżmu. Kulfejn tħares, mela, fir-rapporti antiki, sew dawk Kristjani, arkeoloġiċi, Rumani jew Lhud, issib l-istess messaġġ. Ġesù kien reali: dwar dan m'hemm ebda dubju. Iżjed minn hekk Ġesù hu reali: għadu jwettaq il-ħidma tiegħu. U peress li hu reali, minħabba l-fatt li hu hemm, jaqbillek ikun jimportak minnu. Hekk jew hekk, kull meta tħares lejn kalendarju, ftakar li d-data tieħdok lura lejh!

### 3 Jimportak Għax Hu l-Ideali

Qatt rajt il-leġġendarju Pelé jilgħab il-ballun? Kien jiġbed eluf kbar lejn l-istejdjum. L-arti tiegħu f'dan l-isport kienet suprema. Kien, abbli, l-aqwa plejer attakkant li qatt rat id-dinja. L-ideali, jekk trid.

Il-futbol forsi ma jattirakx. X'jogħġbok allura? Jekk tiġbdek il-letteratura, m'intix lest tħallas biex tqatta' ftit sigħat ma' William Shakespeare? Jekk tħajrek il-politka, tista' titgħallem qatigħ dwar it-tmexxija minn Awgustu Ċesri. F'kull qasam tal-ħajja għandna tqarribiet lejn l-ideal, imma kollha jsofru minn xi mankament, u mal-mixja taż-żmien jidbielu.

Imma hemm xi ħadd li hu l-ideal mhux sempliċament għall-futbol, letteratura jew politka, imma għall-ħajja nfisha? Hemm xi ħadd li wriena x'kapaċi tilħaq l-umanita’? Jeżisti bniedem ideali?

Mhux tant żmien ilu kienet moda temmen li konna qed niżviluppaw lejn razza ta' Supermen: l-ideal kien quddiemna, u fil-qrib. Issa, fid-dawl ta' għaks dinji dejjem jikber u inċertezza ambjentali tagħfas fuqna, dal-ottimiżmu jidher partikolarment antikwat u kważi kważi tad-daħq. Biex tifhem x'jien ngħid agħti daqqa t'għajn lejn dawk il-films kollha ta' Star Trek! Daż-żmien nittamaw b'qalb imċajpra, jekk naslu biex nittamaw, li l-ideal jaslilna minn xi filosofija spiritwali ġewwiena jew esperjenza tan-New Age. L-ideal għadu quddiemna, jew fina: iżda m'għadux iżjed viċin.

Madankollu ninsabu lkoll bieżla nħarsu fid-direzzjoni żbaljata. L-ideal ġie. Il-ħajja perfetta ngħexet. Ma nistgħux niskużaw ruħna iżjed u nilgħabuha taparsi ma nafux x'jiġifieri tkun kompletament uman. F'Ġesù, irrid ngħid Ġesù storiku u reali, naraw il-qċaċet safejn kapaċi jitla' l-bniedem. Fih naraw il-perfezzjoni.

Ikkonsidra l-ħajja ta' Ġesù kif imniżżla fl-evanġelji. Hi tant affaxxinanti, u madankollu tant ma nippretenduhiex, li ħadd ma seta' jivvintaha - aħseb u ara erba' evanġelisti li ħadmu indipendentament minn xulxin! Dik il-ħajja hi perfetta: ma tistax tiddeskriviha mod ieħor.

Aħseb dwar l-influwenza ta' dik il-ħajja

Kulfejn tħares fl-arti, mużika u letteratura ssib li ħafna mill-ikbar kompożizzjonijiet kienu dwar Ġesù ta' Nazaret. Aħseb dwar il-mediċina, l-edukazzjoni u l-gvern uman. Hemm postijiet fid-dinja (għalkemm mhux għadd kbir) fejn ħakkiema atejisti huma fuq quddiem f'dawn it-tlett oqsma. Imma f'kull każ l-ewwel nies li wrew interess ġenwin dwar l-iġsma u l-imħuħ tal-bnedmin, kif ukoll dwar irwieħhom, kienu l-Insara. L-ideali ta' Ġesù mhux dejjem kienu segwiti fl-Ewropa tal-Punent. Imma dawk l-ideali sawwru lill-Ewropa. Dan jgħodd ukoll għall-Awstalja u l-Amerka ta' Fuq u t'Isfel. Fl-Afrika l-ikbar influwenza kulturali hi Ġesù, u l-kobor tal-knisja jgħaddi bil-qabda l-kobor tal-popolazzjoni ta' dak il-kontinent sħiħ.

Aħseb dwar l-appell ta' dik il-ħajja

Kebbset l-ideal u messet il-qlub ta' kull tip ta' nies, mad-dinja kollha, matul is-sekli. Appellat ugwalment għall-kapijiet u qaddejja, għas-suldati u l-patrijiet, għall-kulturi ta' żmien il-ħaġar u għall-professuri sofistikati. Appellat kemm għall-magħkusin kif ukoll għal dawk jgħumu fil-ġid. U qatt ma għamlet dan billi skużat il-fallimenti tagħhom jew ħaxxnet l-istima tagħhom infushom. Dik il-ħajja dejjem sfidat irġiel u nisa, daqskemm appellat għalihom. Ideal xejn komdu: imma l-ġnus kollha tad-dinja u t-tipi kollha ta' rġiel u nisa fihom stqarrew li hu l-ideal. Mhux biss ma kienx hemm aħjar minnu. Impossibbli tistħajjel xi avvanz fuq Ġesù ta' Nazaret.

Aħseb dwar il-bilanċ ta' dik il-ħajja

Il-bilanċ perfett bejn azzjoni u riflessjoni, bejn virtujiet maskili u dawk ġeneralment assoċjati man-nisa. It-taħlita ta' ġentilezza u qilla, ta' mogħdrija u diskors bla ħabi, ta' hena u serjeta' hi fenomenali. Hawn għandna raġel li kien iħossu f'tiegħu f'gorboġ daqskemm f'palazz, ma' mara bla galbu imma niedma, ma' sajjied aħrax jew ma' gvernatur egoist. U, inkredibbilment, dejjem issibu jikkmanda bil-kwiet kull sitwazzjoni: bilanċjat perfettament.

Aħseb dwar l-ispirazzjoni ta' dik il-ħajja

Il-ħajja u l-eżempju ta' Ġesù sostnew il-fidili persegwitati matul l-ewwel tlett sekli, servew ta' torċagħall-patrijiet fiż-żminijiet mudlama, immansaw il-krudilta’ tal-Vikingi, ikkonkwistaw

lin-Normanni konwistaturi - biss prova għodd il-knejjes li ħallew ma' kullimkien! Kristu kien l-ispirazzjoni wara l-qlubija tal-kavallieri fi żmienhom. Riskoperta ta' Kristu wasslet għar-Riforma. Fis-seklu tmintax il-viżjoni ta' Ġesù, Ġesù biss, tant iddominat nies bħal Whitefield u Wesley li l-bixra ta' l-Ingilterra nbidlet f'ġenerazzjoni waħda minn ateiżmu kiefer u mitluf fis-sakra. Fi żmien ir-Rivoluzzjoni Industrijali ftit taw kasu filwaqt li ffissaw iżżejjed fuq il-qliegħ: il-qrusa ta' relazzjonijiet industrijali għadha magħna, frott it-traskuraġni tagħhom. Imma xorta waħda, it-titjib li sar fid-dinja tax-xogħol kien imsejjes prinċipalment bħala riżultat ta' Kristu u l-influwenza u l-ideali tiegħu. Ġesù huwa r-raġuni għala ħafna mietu martri. Kien hu li nebbaħ moviment missjonarju dinji fis-seklu dsatax, li xegħel lid-dixxipli tiegħu biex imorru u jgħidu lill-pagani dwar is-Salvatur, imqar jekk ikollhom imutu tul ħidmiethom - kif infatti ġralhom ħafna minnhom. Ħafna mill-movimenti ta' ħelsien fis-seklu għoxrin qed iħarsu lejn Ġesù bħala l-ispirazzjoni tagħhom: Ġesù, il-bniedem mhux ta' l-istabbiliment, il-bniedem għall-oħrajn, il-mexxej li offra ħajtu stess. Kieku kellek tistaqsi lil Gandhi, missier l-Indja moderna, min kien il-mudell tiegħu, indubjament kien iwieġbek 'Ġesù'. Infatti, hemm sinjali bħalissa kemm fl-Islam kif ukoll fil-Ħinduiżmu li qed iħarsu lejn Ġesù bħala b'xi mod il-bniedem ideali. Insomma, il-verità hi li kompetituri serji m'għandux. Ġesù hu l-ideal.

Jaqaw din mhix raġuni soda għala jmissu jimportak minn Ġesù? Mhuwiex sempliċament l-ikbar bniedem li qatt eżista, huwa wkoll l-ideal li kulħadd imissu jsegwi. Ma taħsibx, allura, li n-nies imisshom jiffollaw madwaru, u jokorbu biex isiru dixxipli tiegħu? Imma ma jagħmlux hekk, hux? U lanqas m'għamlu hekk meta kien fuq l-art. Ma jidhirlekx li din biċċa stramba għall-aħħar? Ma tissuġġerix li ninsabu mkexkxa mill-ideal? Nibżgħu li jkun irid jibdel xi oqsma f'ħajjitna li mhuma ideali xejn - imma li nibqgħu ggranfati magħhom avolja ma jiswewx sitt ħabbiet. Għalhekk huwa iżjed faċli, u bla azzard, u iżjed komdu nagħtuh dahrna, u ngħidu, 'X'jimportani minn Ġesù? Mela dan xi speċjalita'?'

## 4 Jimportak Għax Għandu l-Ikbar Karattru

Tal-Coca Cola jisħqu li produċew l-itjeb xarba. Paul McCartney hu probabbilment il-kittieb tal-kanzunetti l-aktar li kiseb suċċess. Muhammed Ali dejjem ftaħar li hu l-aqwa puġilista. Diffiċli kemm hu diffiċli tilħaq il-quċċata fin-negozju, fil-mużika jew l-isport, huwa wisq itqal fil-karattru. U dan, kif rajna fl-aħħar kapitlu, hu preċiżament x'għamel Ġesù. Indubjament hu l-ifjen karattru, l-iżjed nobbli u l-aktar maħbub li qatt għex.

Ġesù kien l-ikbar

Kien jitlob mingħajr ma joqgħod jippoża

L-evanġelji huma mimlija bir-rabta naturali u affezzjonata ma' Missieru fit-talb, u ugwalment mimlija bil-ħbiberija tiegħu ma' dawk li qatt ma rifsu l-għatba ta' sinagoga. Kieku qatt kien hemm ħjiel ta' ksuħat, jew qatt żamm distakk bejnu u bejnhom, in-nies ordinarji kienu jżommu 'l bogħod minnu.

Kien vitali mingħajr kunfidenza żejda

Hemm sens qawwi ta' moviment fil-ġrajja ta' l-evanġelju, imnissel minn Ġesù nnifsu. Il-lingwa diretta u setgħana tiegħu, l-enerġija fawwara, l-impenn tiegħu lejn il-proxxmu fil-bżonn. Ma jagħmel xejn nofs leħja. Imma qatt ma ssib ħjiel ta' kunfidenza żejda.

Kien iħobb is-sliem mingħajr ma waqa' fil-għażż

Ma tantx issib nies enerġetiċi u jgawdu s-sliem fl-istess ħin. Huma kwalitajiet opposti. Imma Ġesù abbinahom flimkien. Kien sielem il-jum kollu: sejħilha l-paċi t'Alla. Ebda diżastru, ebda interruzzjoni qatt ma serqitlu dik is-serenita' ġewwiena. U għalkemm minħabba l-pressjoni intensa kien iwarrab għall-mistrieħ, f'ħin qasir kont terġa' tarah f'nofs it-taqtigħa, jiddi kollu trankwillita'.

Minnu kienet tgelgel l-imħabba mingħajr sentimentalita'

Imħabba li setgħet tbikki prostituta, li setgħet tbandal tfal ċkejknin fuq irkopptu, li setgħet tgħannaq lil dawk miċħuda minn kulħadd. Hu stess qal, 'Imħabba akbar minn din ħadd ma għandu, li wieħed jagħti ħajtu għal ħbiebu' (Ġwanni 15:13). Saħansitra għola iżjed minn dan il-livell stupend: wasal biex ta ħajtu għall-egħdewwa tiegħu.

Kien modest u madankollu awtorevoli

Minn naħa waħda ma kellu xejn flus, qatt ma xxennaq għat-tifħir, qatt ma pretenda xejn, aġixxa b'dipendenza kontinwa u profonda fuq Alla. Minn naħa l-oħra, tkellem dwar ħwejjeġ spiritwali bħala wieħed li kien jaf. 'Tassew, tassew, ngħidilkom' kienet formula karatteristika tiegħu kif jindirizza lill-udjenza, u n-nies għarfet li għallimhom b'awtorita' stupenda avolja qatt ma attenda l-kulleġġ.

Kellu ġenju għall-ħbiberija

Madankollu, qatt ma waqa' fil-favoritiżmu. Ħafna drabi fl-evanġelji niltaqgħu ma' Ġesù qed jitkellem ma' wieħed Fariżew, raġel għama, tallâb, zopp, armla vistuża, suldat Ruman. Varjeta' tremenda ta' ħtiġijiet, u kien jagħti kashom ilkoll tant li kull wieħed kien iħossu l-iżjed persuna importanti għal Ġesù dak il-ħin. Bir-raġun: għax hekk kien. Il-ħbiberija tiegħu man-nisa li akkumpanjawh, il-ħbiberija tiegħu ma' tużżana dixxipli li ħallew id-dar u l-familja biex joqogħdu miegħu - din hi waħda mill-pinzellati l-iżjed attraenti fil-karattru tiegħu.

Ġesù kellu karattru perfett

Attwalment, ma tkunx ħaġa diffiċli tikteb ktieb sħiħ fuq il-karattru ta' Ġesù. Ċertament ikun ktieb oħxon, għax kull virtu' immaġinabbli kien jibbrilla fih. Tajtek biss ftit eżempji.

Imma issa rrid inħares in-naħa l-oħra. Ma kienx imżejjen biss bil-virtujiet kollha, iżda ma kien imtebba' b'ebda vizzju. Għallinqas, ma nafx bihom. Smajt biss bi tlieta, iżda ebda suġġeriment minnhom ma jgħaddi mill-prova.

Xi wħud jipprotestaw li nqeda bil-vjolenza meta keċċa salt neguzjanti mit-Tempju għax kienu 'għamluh għar tal-ħallelin' (Mattew 21:13). Ma nafx kontx ngħoddu bi żball kieku wasal biex dewwqilhom il-frosta tal-ħbula li għamel! Imma ma jingħadx li użaha. Biss xejjirha quddiemhom.

It-tieni karba kontrih hi li tilef sabru ma' siġra tat-tin u seħitha għalxejn b'xejn. Dan mhux minnu. L-issaħtjar tat-tina kien parabbola rreċtata. It-tina kienet għal sekli twal simbolu tal-ġens Lhudi. Ġesù kien niżel Ġerusalemm u sab li ċaħduh. Ma kien sab ebda frott fuq it-tina ta' Iżrael. Ippronunzja fuqha l-ġudizzju t'Alla, u dak il-ġudizzju jistenniena lkoll. Għalhekk ma jaqblilniex noqogħdu nitkessħu dwaru. Fl-istorja l-ġudizzju waqa' sewwa sew erbgħin sena wara, meta l-leġjuni Rumani farrku l-Belt Imqaddsa (li kienet tispeċjalizza fil-qtil tal-profeti) u ġabuha trietaq.

It-tielet ilment li smajt kontra l-karattru ta' Ġesù hu li ma kellux sens ta' umoriżmu. Protesta tabilħaqq taċ-ċajt! Kif jista' jkun tibqa' b'wiċċ serju meta tgħid lis-semmiegħa tiegħek, stirati f'reliġjon taparsi, li jaqblilhom l-ewwel ineħħu t-travu ġgantesk minn għajnejhom qabel ma jkunu jistgħu jaraw ċar biex jaqilgħu s-sifja rqiqa minn għajn ħuhom? Tista' timmaġinah solenni qisu xi argużin hu u jissikka lill-Fariżej meta qalilhom kif kienu qed jagħmlu qorti sħiħ fuq nemusa fit-tazza ta' l-inbid - filwaqt li ma jindunawx li kienu qed jibilgħu annimal mill-ikbar, il-ġemel? Tiġix tgħidli li Ġesù ma kellux sens umoristiku. Aqra l-evanġelji u tara.

Ġesù ma kellux vizzji

Issa li warrabna xi akkużi bażwija minn nofs, nerġa' lura għall-punt prinċipali tagħna. U punt rimarkevoli kemm tridu. Ġesù ma kellux l-iċken makkja ta' xi vizzju. Qatt ma għamel xi deni jew xi ħsara. L-evanġelji qatt ma jfaħħruh; imma qatt ma jagħtu l-iċken eżempju ta' xi ħaġa fejn kellu jgħid 'Żbaljajt' jew 'Jiddispjaċini'. Inċidenti bħal dawn qatt ma ġraw. Lid-dixxipli għallimhom jgħidu 'Aħfrilna dnubietna' kull darba li jitolbu lil Missierhom fis-smewwiet, imma din kienet talba li għallimha lilhom - ma kinitx talba li lissen hu nnifsu. Bla ħabi seta' jiddikjara, 'Jien dejjem nagħmel dawk il-ħwejjeġ li jogħġbu lilu' (Ġwanni 8:29). Ma kien konxju ta' ebda sħaba bejnu u bejn Missieru tas-smewwiet. Impressjonanti, u bil-wisq iżjed rimarkevoli f'wieħed li kien tant pront jikxef l-ipokresija fit-talb tar-reliġjużi, ħafna wiri fl-għotjiet tal-'benefatturi', u ħsibijiet immorali u qattiela jgħumu taħt il-qoxra barranija ta' dawk li kienu lesti jikkundannaw l-adulterju u l-qtil f'ħaddieħor. Kif seta' bniedem hekk għarriexi qatt ma apoloġizza lil Alla fit-talb tiegħu? L-unika tweġiba li nista' nara hi din. Ma qalx 'Jiddispjaċini' għas-sempliċi raġuni li qatt ma xellef subgħajh mal-liġi t'Alla. Jekk tgħid, 'Bniedem fantastiku', naqbel miegħek. Qed nitkellmu dwar 'l-ikbar wieħed', hux? Ħajtu ma kinitx sempliċament l-aqwa: kienet miraklu morali.

Ħaġa interessanti din, imma dawk li kienu jħobbuh u dak li bagħduh it-tnejn xehdu dwar il-perfezzjoni tal-karattru tiegħu. Hemm pass meraviljuż fi Ġwanni 8:39ff fejn Ġesù jagħti x'wieħed jifhem li hu ixjeħ minn Abraham (li kien miet ma' l-elfejn sena qabel) u li għandu l-istess natura u glorja t'Alla. Bħala nies jemmnu f'Alla wieħed, il-Lhud jaqbadhom ferħ ta' ġenn għal dal-kliem u riedu jeħilsu minnu għax għaddewh bħala midgħi; qabdu l-ġebel biex iħaġġruh. Imma Ġesù jġagħlhom jaħsbu. Jgħidilhom 'Min minnkom jista' jagħti prova ta' xi ħażen f'ħajti?' (v.46). Ġesù daħal għaliha. Kieku int kont teħlisha kiesaħ u biered? M'għandniex xi ngħidu. Ħbiebek stess, aħseb u ara l-egħdewwa tiegħek, kienu jkunu pronti u jsemmulek lista ta' elf ħaġa li mhux suppost għamilt. Imma dik l-udjenza tbikkmet. Ma setgħu jixluh b'xejn.

Ġesù kien bla ħtija

Meta għaddewh qorti ssib l-istess ġrajja. Għamlu l-almu tagħhom biex iqabbdu dufrejhom miegħu. Kollha kellhom jirtiraw b'xiber imnieħer. Jafu sewwa li l-akkużi li kienu qed jaqilgħu ma setgħux ikunu ttestjati fid-dettal taħt id-dawl tax-xemx, u kellhom iċedu l-armi. Fl-aħħar jistaqsuh jekk hux il-Messija t'Alla, li kienu ilhom jistennew; jgħid, 'Jien hu,' u jaqbdu joqomsu bil-ferħ għax assumew li kien qed jidgħi. Dan juri xi pressjoni kellhom fuqhom biex jipprovaw isibu xi difett fih. L-istess ġralu Ponzju Pilatu, li għal tlett darbiet matul il-proċess l-iżjed rimarkevoli fl-istorja ddikjara l-priġunier tiegħu bħala innoċenti, u mbagħad telqu f'idejn l-iskwadra tas-suldati biex joqtluh. Imqar mart Pilatu ma setgħetx tagħlaq għajn m'għajn il-lejl ta' qabel, u bagħtitlu messaġġ hu u jippresiedi l-proċess, u qaltlu, 'Ħa ma jkollok x'taqsam xejn mad-demm ta' dal-bniedem innoċenti.' Iżda ma tax widen: beża' li jekk ikun artab jitlef il-karriera. Imma minn ġewwa kien jaqbel mal-fehma ta' martu dwar Ġesù. Hekk ukoll iċ-ċenturjun li kien imqabbad jieħu ħsieb it-tislib tiegħu. L-

istess ngħidu għal wieħed mill-irġiel maqtul maġembu. Ilkoll jingħaqdu qaqoċċa u jisħqu b'leħen wieħed: 'Dan il-bniedem hu innoċenti għalkollox.'

'Eq,' abbli tgħid. 'Imma dawn in-nies ma ndihsux fil-qrib miegħu biex jindunaw bid-difetti.' X'ngħidlek? Isma' t-testimonjanza ta' dawk li kienu midħla tiegħu. Kien hemm xi ħadd eqreb tiegħu minn Pietru? Dan jiġbor is-sitwazzjoni fil-qosor billi jgħid: 'Hu m'għamel l-ebda dnub, u ma nstab ebda qerq fuq fommu. Meta kien imgħajjar, ma reġax għajjar. Meta bata ma heddidx imma reħa ruħu f'idejn dak li jagħmel ħaqq bis-sewwa' (1 Pietru 2:22f). Dan juri kif kien jistma lill-Imgħallem tiegħu. Il-kittieb lil-Lhud kien ugwalment ċar fuq il-kwistjoni. 'Kien jaqblilna jkollna qassis kbir bħal dan, li hu qaddis, bla ħtija, bla għajb, mifrud mill-midinbin' (7:26). Dan hu t-tip ta' qassis kbir provdut minn Alla għalina. 'Kien imġarrab f'kollox bħalna, iżda bla dnub' (4:15). Ġwanni kien eqreb lejh, probabbli, iżda minn kulħadd, u Ġwanni għandu preċiżament l-istess fehma. 'Jekk ngħidu li m'għandna l-ebda dnub, aħna nqarrqu bina nfusna, u s-sewwa mhux fina...imma m'hemm ebda dnub fih' (1 Ġwanni 1:8; 3:5). L-evidenza hi identika, tħares lejha minn liema naħa trid. U hi konklużiva.

F'Ġesù ta' Nazaret issib karattru perfett, l-uniku wieħed fl-istorja umana kollha li qatt u qatt m'għamel xejn ħażin.

Forsi dan jgħinna nifhmu xi ftit aħjar il-problema li semmejt fi tmiem il-kapitlu ta' qabel: il-mod kif nitgerrxu minn Ġesù, filwaqt li ninġemgħu bil-ferħa madwar kwalunkwe bniedem kbir ieħor. Il-verità hi sempliċi: ħajtu tant iġġagħlna nistħu li nispiċċaw inħammru wiċċna quddiemu. Ġwanni jesprimi l-biċċa hekk: 'Id-dawl ġie fid-dinja (mal-miġja ta' Ġesù), u l-bnedmin ħabbew id-dlam aktarx mid-dawl, għax l-egħmejjel tagħhom kienu ħżiena' (Ġwanni 3:19). Diskors bħal dan jagħti bixra pjuttost differenti fuq l-attitudni ta' 'X'jimportani minn Ġesù?' hux? Hawn nindunaw li l-atteġġjament tagħna mhux biss hu wieħed ibleh, imma wieħed ħati wkoll. Jekk id-dawl ta' ħajtu perfetta jimbottana 'l hemm, allura nkunu qed nikxfu lilna nfusna bħala nies midinba. Jindikalna li neħtieġu bidla kbira. Ġesù tkellem fuq hekk. Kompli aqra: naslu għaliha ma ndumux.

## 5 Jimportak Minħabba l-Offerta Tiegħu

Waħda mid-differenzi impressjonanti bejn il-Kristjaneżmu u r-reliġjonijiet l-oħra hi l-oħrajn kollha jibdew billi jassumu li Alla hu magħruf. Il-Kristjaneżmu ma jagħmilx hekk. Ġesù jgħid li ħadd ma jaf 'l Alla fis-sens personali ta' Missier ħliefu nnifsu; u hu biss jista' jġibna f'dik ir-relazzjoni intima (Mattew 11:27f). Imbagħad ikompli billi jagħti waħda mill-offerti l-iżjed meraviljużi li qatt ħarġet minn fomm il-bniedem: 'Ejjew għandi, intom ilkoll li titħabtu u intom mgħobbijin wisq, u jien inserraħkom' (Mattew 11:28).

X'offerta fantastika. Imqar tlieta jew erbgħa mgħobbijin wisq insibhom ta' toqol enormi għalija. Ġesù stieden lil kulħadd! U, f'diversi modi, dan jifforma l-qalba ta' tagħlimu. Mhux primarjament domanda mingħandna, għalkemm hemm domanda. Primarjament hi offerta, offerta ħielsa. L-offerti b'xejn inħarsu lejhom pjuttost b'suspett, għaliex sikwit nindunaw li mhuma b'xejn affattu; b'xi mod jew ieħor issibilhom trikk. Imma l-fatt li l-offerta b'xejn hi tant mifruxa fis-suq kummerċjali tfakkarna li għotja ġenwinament b'xejn hi waħda mill-ħwejjeġ l-iżjed attraenti fid-dinja. Ir-reliġjon ta' Ġesù hi propjament dwar offerta b'xejn.

'Araw,' jgħid. 'Intom ma tafuhx lil Alla, għalkemm ħafna minnkom reliġjużi ħafna. Intom barranin għal Alla. Ngħidilkom bla tidwir, intom mitlufa. Isimgħuni. Alla jimportah minnkom. Naf x'jien ngħid, għax nafu b'mod li ħadd minnkom ma jafu. Hu Missieri tas-smewwiet. Nitkellem miegħu b'mod familjari bħalma intom tpaċpċu ma' missierkom.' Il-kelma speċjali tiegħu għall-Missier, 'Abba', tfisser 'għażiż papa”. Qatt ma kienet intużat bejn

il-bniedem u Alla qabel ma wżaha Ġesù. Ma tridx tkun fil-familja, u tkun kapaċi taqsam ħajtek mal-Missier b'dan il-mod?

'Iżjed minn hekk,' isostni, 'Alla hu Sultan. Hu Sultan fuq l-art kollha, imma ħafna huma ribellużi u ma jagħrfux id-dominju tiegħu. Inkunu onesti. Nista' ninkludi lilkom, hux, bħala nies diżubbidjenti? Qlubkom huma ribellużi kontrih: tinsabu bieżla wisq fuq xogħlkom u qajla jimportakom x'irid minnkom. Imma jien differenti. Jien mhux biss il-Qaddej perfett tas-sultan: jien nagħmel dejjem dak li jogħġob lilu. Imma jien ukoll it-tlaħħim ta' Saltnatu. Ġejt bl-awtorita' tiegħu biex nirrappreżentah, u biex nuri b'ħajti u tagħlimi kif Alla jrid ikun mexxej. Saltnatu hi waħda fejn l-imħabba tibbrilla fuq kollox; fejn l-afdar jieħu post is-suspetti, il-ġenerożita' tqaċċat 'il barra l-mibegħda, u l-qadi bejn l-aħwa minflok is-suppervja u l-arroganza kontra xulxin. Irrid nurikom l-attrazzjoni ta' ħajja fis-Saltna. Irrid ngħallimkom il-liġi tas-Saltna: mela għax ma ssibx ħin, imqar issa stess, u taqra l-Priedka tiegħi fuq il-Muntanja? Tinsab imniżżla f'Evanġelju skond San Mattew, minn kapitlu ħamsa sa sebgħa. Tagħtik stampa u ġabra fil-qosor kif tista' tkun il-ħajja fis-Saltna t'Alla. U tħallix l-aħħar biċċa taħrablek. Biss billi tidħol permezz tiegħi, billi tkun tafni, billi tibni ħajtek fuqi, illi jirnexxilek tiskopri x'tista' tfisser is-Saltna tiegħu għalik. Jien ngħidlek dwar is-Saltna t'Alla. Jien nippreżenta dik is-Saltna f'ħajti stess. Jien ukoll it-triq biex tidħol fiha. Għalhekk, "Ejjew għandi, intom ilkoll li titħabtu u intom mgħobbijin wisq, u jien inserraħkom."'

Ġesù jagħtina x'naħsbu billi jpenġilna stampa bi kliemu. U hekk jagħmlu l-parti l-kbira minna. Ejjew inħarsu lejn xi wħud minn dawn l-istampi: fihom nilmħu x'qed joffrielna.

Ifhem is-Saltna

'Trid tkun taf kif inhi s-Saltna t'Alla?' jgħid Ġesù. 'Ngħidlek. Għal xi wħud hi bħal wieħed qed jaħrat bil-barrin, jum wara jum. Xejn eċċitanti, sempliċament jipprova jagħmel ir-radda dritta. Ħin bla waqt, is-sikka taħbat ma' kaxxa moħbija fil-ħamrija. Jitbaxxa, jisgassa l-għatu, u mill-kaxxa jgelglu skoss ġojjelli jgħammxu fil-għajn. Tista' timmaġina kif dak il-gabillott jirhan ġidu kollu ħalli jiġbor somma flus u jixtri dak l-għalqa, u magħha l-kaxxa bit-teżor!

'Għal xi oħrajn tixbaħ wieħed iffissat fuq il-perli. Prova stħajjel neguzjant b'esperjenza kbira li jkun ilu f'dan in-negozju għomru u żmienu, espert fuq l-esperti. Jum wieħed jiltaqa' ma' perla li tħallih bla nifs. Fid-daqs, leqqa u perfezzjoni qatt, tul il-karriera tiegħu, ma sab oħra tħabbatha magħha. Jagħmel l-almu tiegħu biex ma jħallix l-eċċitament jagħmel bih, joqgħod taparsi qed jikkorda, u malli jiftiehem il-prezz imur u jbiegħ il-ħażna sħiħa ta' perli għaliex ħajtu ma tkun tiswa xejn jekk ma jirnexxilux jikseb dik il-perla imprezzabbli.'

Fhimtha l-idea? Tidħol fis-Saltna t'Alla qisek sibt teżor, bħal meta tiskopri perla li titfiha lill-perli l-oħra f'daqqa. Qed tirrealizza? Probabbilment le. Bħali, forsi sal-lum ħsibt li hi kwistjoni li tagħmel ħiltek kollha u tagħmel il-karita' u tmur il-knisja u titħabat b'impenn ma' qabda attivita' monotona u bierda oħra. Dan sempliċament juri kemm ir-reklamar tax-xitan hu effettiv. Għax il-ħajja fi ħbiberija ma' Ġesù Kristu hi l-iżjed ferrieħa u mimlija u ta' premju li tista' possibilment timmaġina. Mhux hu stess jgħid, 'Jien ġejt biex ikollkom il-ħajja, u l-ħajja aktar bil-kotra' (Ġwanni 10:10)? Iva, meta tidħol fis-Saltna tkun sodisfatt għall-aħħar. Tista' tiġi wiċċ imb'wiċċ magħha għall-għarrieda int u għaddej għal għonq it-triq tal-ħajja, waqt li tkun tħossok mgħaxxex u għajjien u mitluq. Abbli ilek tfittixha snin twal u ttestjajt għadd ta' filosofiji, reliġjonijiet jew drogi. In-nies jiltaqgħu magħha mod jew ieħor. Ladarba jindunaw x'inhu offrut, l-għaqlin jirrealizzaw li hi l-iżjed ħaġa importanti fid-dinja. Ikunu lesti jġarrbu kwalunkwe sagrifiċċju, sabiex jipposseduha.

Il-mistiedna tas-Sultan

Ġesù jagħtina stampa oħra, ċara kemm tridha. Alla jixbaħ sultan sinjur, li jiddeċiedi jorganizza l-iżjed tieġ meraviljuż għal ibnu. Jagħmel żewġ ħwejjeġ rimarkevoli. L-ewwel joħroġ bl-inviti. Ħafna mill-mistednin jiddiżappuntawh: allura jistieden lil kulħadd biex jiġi għall-bankett - nies mill-imsieraħ, il-briedel, mid-djar tal-ħaddiema, mill-mandraġġi. Hekk hu Alla. Lest jilqa' lil kulħadd, huma min huma, għall-festa kbira tal-ħajja Kristjana. Jagħti l-offerta. Jipprovdi l-ħwejjeġ tajba. Jibgħat l-inviti. Alla mhux l-Imħallef biered li jgħid, 'Mur.' Huwa r-raġel li jarma festa festun u jgħid, 'Ejja.'

Imma t-tieni ħaġa rimarkevoli fl-istorja hi din. Is-Sultan jipprovdi libsa adatta għall-mistednin kollha tat-tieġ. Jilbsu lilha minflok il-ħwejjeġ ordinarji x'ħin jidħlu mill-għatba 'l ġewwa. Tkun ħaġa disgrazzjuża kieku l-bankett jitgħarraq minn xi wħud li jibdew jiddandnu b'ilbieshom fin filwaqt li oħrajn jidħlu maħmuġin u mċerċra mit-toroq. Għalhekk Alla jipprovdi lbies sabiħ għalina lkoll biex ingawdu l-bankett tiegħu mingħajr ebda traċċa ta' mistħija minħabba t-taħwida sħiħa li nkunu għamilna b'ħajjitna, jew ta' kburija bil-kisbiet tagħna. Ilkoll nidħlu livell wieħed. Ilkoll nilbsu l-libsa perfetta tal-maħfra tiegħu, u jilqagħna billi jżejjinna bl-abjad. Altrimenti nibqgħu mingħajr ma nidħlu. Attwalment, Ġesù jagħtina ħjiel dwar dan fl-istorja li rrakkontalna. Raġel minnhom indieħes bi ħwejġu stess, u rrifjuta milli jilbes il-libsa tat-tieġ. Indubjament dehrlu li l-ġakketta taċ-ċena li kellu fuqu kienet tgħodd daqs ta' l-oħrajn. U x'ħin is-Sultan jidħol biex jara l-mistednin, iddarras bil-baħbuħ. Għalhekk is-Sultan mar fuqu u staqsih għala ċaħad il-libsa offruta. Ir-raġel baqa' mmutat. Aqta' xi ġralu. Xkanawh 'il barra f'ħakka t'għajn. Alla ma jridx nies minfuħa bihom infushom jgħarrqulu s-Saltna. Nidħlu bħala nies maħfura, maħfura minnu spiża tiegħu. Il-merti tagħna ma jqishomx - altrimenti l-bieb jinstabat f'wiċċna.

Hekk hu t-tagħlim ta' Ġesù, tiskanta. Maħfra bla ma tħallas, sħubija b'xejn fil-familja t'Alla - Alla li traskurajt, u żeblaħt, u pretendejt li ma jeżistix. U dik il-ħajja ta' mħabba u paċi u ferħ u relazzjonijiet tajba hi festin, bankett tal-prima klassi. Swielu kollox biex iħejjih. Ma jiswieli xejn biex naċċettah - ħlief kburiti. Għax irrid nilqgħu bħala għotja, mhux nagħmel ta' birruħi li kapaċi nimmeritah billi nipprova daqsxejn aħjar, immur il-knisja ftit iżjed sikwit, jew ningħaqad ma' xi soċjeta', hi liema hi.

Ħadtu l-messaġġ? Jew għadu jdamdamlek moħħok u ma tistax tilqgħu? Jekk iva, isma' din. Tiftakar meta ommok tilfet iċ-ċurkett ta' l-engejġ? Kif qallbet kull kexxun. Kif kinset kull kamra. Kif għarrxet f'kull rokna u f'kull xaqq. U mbagħad tfaċċa ċ-ċurkett! Id-dmugħ tfaċċa fuq xfar għajnejha. Infexxet tgħannqek. Marret tħabbat lill-ġara u rrakkontat l-istorja. Bdiet taqbeż bil-ferħ. Issa, temminha jew ma temminhiex, din hi l-attitudni t'Alla lejnna. Bħala nies mitlufa u mbegħdin minnu, ma jisbilx u jinkorla għalina: ma jgħidx, 'Stenna sakemm naqbdu lil dak ir-ribell.' Tant iħobbna li jagħmel minn kollox biex ifittixna, jiġbidna lura lejh, u jħajjarna b'ħajja ta' mħabba f'daru li aħna rmejna tant kemm konna boloħ. U x'ħin nerġgħu lura - waw! 'Ikun hemm ferħ fis-smewwiet għal midneb wieħed li jiġi lura' (Luqa 15:10).

Fi storja rakkontata minn Ġesù dwar żagħżugħ imqareb li ħarab mid-dar, berbaq flusu, u mbagħad beda jħoss il-qarsa fil-laħam il-ħaj, nisimgħu bl-istess tmiem ferrieħi. Il-ġuvnott imur lura, kollu beżgħan dwar jekk hux se jilqgħu missieru, u jsib lix-xwejjaħ diġa' qed jgħarrex għalih, b'għajnejh iffissati fuq l-orizzont sakemm twassal il-vista. Jum wara jum kien qed jipprova jara mqar sinjal tar-ritorn tiegħu. U allura jiġri għal fuqu biex iħaddnu, jagħtih tibdila ġdida fjamanta, u jordna biex jippreparaw ċena kbira u żfin biex jiċċelebraw, 'għax dan ibni kien mejjet, u reġa' ħaj, kien mitluf u nstab' (Luqa 15:24).

Hekk hu Alla, jgħidilna Ġesù. Issa qed tara għala l-Kristjaneżmu ma jistax inqegħduh fl-istess keffa mar-reliġjonijiet l-oħra li jissapponu li jafu kif inhu Alla? Min taħt il-kappa tax-xemx seta' jiġih f'rasu li Alla tant jaf iħobb, hu tant ġeneruż? Min qatt seta' joħlomha din, li lest jilqa' b'xejn lir-ribelli fis-Saltna, li lest jadotta fil-familja tiegħu nies imqarba u vili bħalna? Imma Alla hekk hu. U Ġesù ġie fostna b'din l-aħbar. 'Ħadd qatt ma ra 'l Alla; l-uniku Iben, li hu fi ħdan il-Missier, hu għarrfu' (Ġwanni 1:18). U meta offerta b'xejn ta' din il-kwalita' għadha miftuħa, jidhirli għandna raġun biex inbiegħu jimportana minn Ġesù. Fittex ir-reliġjonijiet kollha tad-dinja. F'ebda waħda ma ssib offerta li tħabbatha ma' din.

## 6 Jimportak Minħabba x'Saħaq Fuqu Nnifsu

Min hu dan Ġesù li jgħid, 'Ejjew għandi u jien inserraħkom'? Min jaħseb li hu?

Mistoqsija gwappa. Ejjew naraw min jidhirlu li hu. Waqqaf lil xi ħadd fit-triq u staqsih; inqiegħed għonqi taħt mannara li jgħidlek xi ħaġa hekk: 'Ġesù Kristu? M'hawnx aħjar minnu. Għalliem tajjeb. Raġel tabilħaqq ta' l-għaġeb.' Issa eżamina t-tagħlim attwali ta' dan l-għalliem meraviljuż, dan il-bniedem tabilħaqq kbir, u ssib stampa differenti għalkollox.

M'għamilx enfasi daqskemm naħsbu fuq it-tagħlim tiegħu. Nies oħra iva, għax baqgħu mnixxfa bl-oriġinalita' u l-qawwa tiegħu. Imma dwar id-dottrina qal li mhix tiegħu iżda ta' dak li bagħtu. 'Ma nagħmel xejn bl-awtorita' tiegħi, iżda nitkellem hekk bħalma għallimni Missieri' (Ġwanni 8:28).

Lanqas m'għamel enfasi esaġerata fuq it-tjieba tiegħu. Anzi, meta wieħed raġel fettilli jindirizzah, xi ftit jew wisq biex ineffħu, bħala 'Mgħallem tajjeb', wieġbu bla mistenni: 'Għala ssejjaħli tajjeb? Hemm wieħed tajjeb, li hu Alla' (Mattew 19:17). It-tjieba, fl-aqwa forma tagħha, mhix tal-bnedmin, iżda t'Alla. Forsi kien qed jipprova jġebbed moħħ il-fittiexi u jħajru jinduna bil-verità.

Eżamina x'saħaq fuqu nnifsu

Skond x'saħaq bi kliemu, il-verità hi li mhux biss bniedem u daqshekk. Huwa bniedem, m'għandiex xi ngħidu. Kien imwieled bħalna, kien jaqbdu l-ġuħ u l-għatx, u jgħejja bħalna. Bħalna kien kapaċi jagħli, joħroġlu d-demm, u saħansitra jmut. Uman kemm tridu. Imma iżjed minn hekk. Lanqas mhu biżżejjed insejħulu profeta kbir jew għalliem ta' l-għaġeb jew karattru mill-aqwa. Hu xi ħaġa iżjed.

Saħaq li għex ħajja bla dnub

Kif diġa' rajna, seta' jħares lejn folla nies mgħaddba, mgħaddba għax indirettament kien qed jisħaq li għandu l-istess natura t'Alla, u jistaqsihom, 'Min minnkom kapaċi juri xi ħaġa ħażina f'ħajti?' (Ġwanni 8:46). Ma nafx jekk dik il-mistoqsija tħallikx imbellaħ - jew inkella l-fatt li ħadd minnhom ma kellu l-ħila jwieġbu! Hekk jew hekk, ebda sempliċi bniedem ma seta' jgħix ħajja bla l-iċken tebgħa. Imma Ġesù għexha.

Saħaq li hu t-triq lejn Alla

Mhux triq minnhom, iżda l-unika triq. Mhux jgħallem it-triq, iżda hu nnifsu t-triq. 'Jien hu t-triq, il-verità, u l-ħajja. Ħadd ma jiġi għand il-Missier ħlief bija' (Ġwanni 14:6). Jew inkella qis diskors ieħor tiegħu, li diġa' smajnih fil-kapitlu ta' qabel: 'Kollox mogħti lili minn Missieri; u l-ebda bniedem ma jagħraf lill-Iben, ħlief il-Missier; lanqas ħadd ma jaf lill-Misier, ħlief l-Iben, u dak li l-Iben irid jgħarrafhulu' (Mattew 11:27). Ħadd qatt ma għamel stqarrija

bħal din, u ta prova tagħha, bħalma għamel Ġesù, bi kwalita' ta' ħajja, imħabba, bilanċ u influwenza bħalu. Ebda sempliċi bniedem ma lissen diskors bħal dan. Imma Ġesù qalu.

Saħaq li jagħti l-ħajja lin-nies

Mhux biss jgħidilhom dwar mnejn setgħu jiksbuha jew itejbuha jew ifannduha, imma li attwalment jagħti l-ħajja. 'Jien nagħtihom il-ħajja eterna, u ma jintilfu qatt, u ħadd ma jaħtafhom minn idi. Missieri, li tahomli, hu akbar minn kulħadd, u ħadd mhu kapaċi jaħtafhom minn id Missieri. Jien u l-Missier wieħed' (Ġwanni 10:30). Tista' timmaġina lil xi ħadd f'sikktu u jesprimi idejat bħal dawn kieku kien biss bniedem? Imma Ġesù dad-diskors qalu fil-beraħ.

Saħaq li kien kapaċi jaħfer id-dnubiet

F'okkażżjoni minnhom kien qed jgħallem f'dar u n-nies kienet tross madwaru. Għalhekk xi rġiel moħħhom jilħqilhom fettlilhom jaqilgħu parti mis-saqaf u jniżżlu wieħed mifluġ, ħabibhom, bit-tama li Ġesù jfejqu. Ġesù ħares lejn ir-raġel, jitbandal fuq il-mitraħ b'ħabel marbut ma' kull rokna. Il-ħtieġa tar-raġel kienet ovvja. Kien paralizzat. Imma Ġesù rari kien jaqa' għall-ovvju. Qal lir-raġel, 'Dnubietek maħfura.' Issa l-kamra kienet mimlija teologi. Inkorlaw għalih. 'Min jista' jaħfer id-dnubiet, ħlief Alla waħdu?' bdew igemgmu minn taħt l-ilsien. Min ħliefu? Dan kien il-punt li Ġesù riedhom jifhmu. Għalhekk qalilhom, 'Sabiex tkunu tafu li Bin il-Bniedem (kif kien isejjaħ lilu nnifsu) għandu s-setgħa fuq l-art biex jaħfer id-dnubiet' - dar fuq il-paralitiku - 'aqbad friexek u imxi.' Sewwa sew hekk għamel ir-raġel, tant li l-ġemgħa baqgħet skantata - biex ma ngħidux kemm ħassewhom imħawwda l-iskulari reliġjużi. Ġesù saħaq li għandu l-qawwa jaħfer id-dnubiet - il-ħidma u jedd speċjali t'Alla - u bħala prova wettaq fejqan mirakoluż. Dan ma kienx xi każ iżolat. Nisimgħuh jgħid lil waħda prostituta li dnubietha, li kienu ħafna, kienu maħfura; lil wieħed pubblikan li seta' jmur id-dar illiberat mid-dnub; jew lil wieħed qattiel qed imut li kien se jieħdu l-Ġenna miegħu. Nistgħu nistaqsu, bħalma għamlu d-dutturi madwar ir-raġel paralizzat, 'Min jista' jaħfer id-dnubiet, ħlief Alla waħdu?' (Mark 2:7). Ġesù ħafirhom.

Saħaq li kellu d-dritt jirċievi l-qima tagħna

Meta tiftakar kemm kien umli u x'sens ta' dipendenza kellu fuq Missieru tas-smewwiet, dan il-fatt tabilħaqq iġiblek għajnejk wara widnejk. Ebda sempliċi bniedem tajjeb ma jasal jippermetti dan. Fl-Atti ta' l-Appostli nsibu kemm lil Pietru kif ukoll lil Pawlu offruti qima minn pagani injoranti. It-tnejn dritt tkexkxu b'dan is-suġġeriment. Imma Ġesù aċċetta l-qima bħala xierqa għalih. Darba fost l-oħrajn, wara qabda mirakoluża ta' ħut, Pietru nxteħet ma' riġlejh u qal, 'Tbiegħed minni, għax jien raġel midneb, O Mulej' (Luqa 5:8). Ġesù m'għamel xejn biex iwaqqfu. F'okkażżjoni oħra, wara li kien qam mill-imwiet, Ġesù ltaqa' ma' Tumas, li qabel iddubitah. Dan, kif rah ħaj, beda jqimu bi kliem li ma jistax ikun iżjed definittiv: 'Mulej tiegħi u Alla tiegħi' (Ġwanni 20:28). Aċċetta l-adorazzjoni b'mod naturali u sempliċament enkoraġġixxa lil Tumas biex fil-ġejjieni jafda mingħajr ma jara. Jiġik f'moħħok xi mexxej reliġjuż ieħor jaġixxi b'dan il-mod? Lanqas jien.

Saħaq li hu l-imħallef tal-bnedmin kollha

Tiftakar il-famuża storja tan-nagħaġ u l-mogħoż? (Mattew 25:31-46). Ġesù qal li fl-aħħar taż-żmien kellu jifred lill-bnedmin f'żewġ gruppi, bħalma ragħaj jissepara n-nagħaġ mill-mogħoż fil-merħla tiegħu. Ġesù se jagħmel hekk! Band' oħra saħaq li l-Missier kien ħalla f'idejh kull ġudizzju. U fi tmiem il-Priedka fuq il-Muntanja kien għamilha ċara li biss jekk il-bnedmin jidħlu permezz tiegħu jirnexxilhom jidħlu fis-Saltna: biss jekk ikunu jafuh isibu

merħba; biss jekk ikun il-pedament il-binja tagħhom tibqa' soda. Possibbli tgħid diskors iżjed tqil u ta' l-għaġeb minn dan? Id-destin tagħna se jkun determinat mill-attitudni tagħna lejn Ġesù. Dwar liema sempliċi bniedem nistgħu ngħidu dan? Imma Ġesù hekk sostna.

Saħaq li kellu jqajjem lin-nies mill-mewt

Hemm għidut ieħor li jagħmilha ċara għalija li f'Ġesù nisma' lil Alla nnifsu jindirizzani, mhux sempliċi bniedem. Jgħid li jagħti ħajtu għan-nagħaġ mitlufa tad-dinja (Ġwanni 10:15). Jew, biex nibdlu l-metafora, Ġesù 'jagħti ħajtu bħala fidwa għal ħafna' (Mark 10:45). Min ħlief Alla seta' jagħmel dan? Jagħti ħajtu bħala kontrapiż għall-mewt kollha fil-ħajja mgħarrqa tagħna. Din missjoni kbira wisq għal kwalunkwe bniedem: ladarba Ġesù jagħmel dan għad-dinja, allura bilfors hu, kif jissuġġerielna ismu stess, 'Alla s-Salvatur' fuq ħidmietu. Saħaq ukoll ħaġa oħra li tħallini bla nifs: kliemu ma jgħaddi qatt. 'Is-smewwiet u l-art jgħaddu, iżda kliemi ma jgħaddix,' kif stqarr hu stess (Mark 13:31). Verament hekk hu. Il-Bibbja, li fiha kliemu, tinbiegħ iżjed minn kull ktieb ieħor fid-dinja u hi tradotta iżjed minn kull ktieb ieħor. Dan ma jissuġġerilekx li kien qed jitkellem wieħed iżjed minn sempliċi bniedem?

Imma l-aqwa waħda minn fomm Ġesù hi din: li fl-aħħar jum se jqajjem lin-nies mill-mewt, u li l-muftieħ għall-ħajja eterna jinsab f'relazzjoni miegħu li kien se jmut u jerġa' jqum. Hu u sejjer għall-passjoni tiegħu wera lilu nnifsu bħala Sid fuq il-mewt billi qajjem lil Lażżru mill-qabar. Dan kien illustrazzjoni ta' x'kellha tagħmel mewtu. Fil-lejl qabel ma miet enkoraġġixxa lid-dixxipli tiegħu b'assigurazzjoni li ħdejh Sokrate jidher isfar lelluxa. 'Tħallux qalbkom titħawwad. Temmnu f'Alla, emmnu wkoll fija. F'dar Missieri hemm ħafna għamajjar. Kieku ma kienx hekk kont ngħidilkom. Sejjer inħejji post għalikom' (Ġwanni 14:1f). Imqar il-mewt ma setgħetx ixxekklu.

Min hu dal-bniedem?

Min hu dan li esprima sentimenti bħal dawn? Ħajja bla dnub, tagħlim li kellu jibqa' għal dejjem, is-setgħa li jaħfer id-dnubiet, jaċċetta l-qima, ikun l-imħallef finali tal-bnedmin, iċedi ħajtu bħala fidwa għalina, u jqajjimna mill-oqbra fl-aħħar jum. Min hu dan? Jiġina mhux biss bħala sempliċi bniedem, imqar jekk l-ikbar bniedem li qatt għex. Mhux bħala għalliem kbir, jew fejjieq ta' l-għaġeb. Jiġina bl-awtorita' t'Alla li jista' kollox, Missieru tas-smewwiet. Għandu l-istess natura tal-Missier, il-qawwa tal-Missier, il-finalita' tal-Missier. Mhux biss bniedem, iżda Alla minn Alla. Meta niltaqgħu miegħu niltaqgħu mal-wiċċ uman t'Alla. Għalhekk imissna jimportana minn Ġesù.

### 7 Jimportak Għax Iħobbok

Tħaddnek u tpespislek f'widintek, 'Oh kemm inħobbok.' Tal-ġenn. Tħossok trid ittir. Imma se ddum? Jew hi biss sensazzjoni li tgħaddi u għada tkun għosfrot u s-sena d-dieħla abbli tkun impespsa f'widnet ħaddieħor? Kważi nsejna x'inhi l-imħabba reali llum, għax tant iffissajna fuq is-sentimenti emozzjonali li jmorru magħha.

L-imħabba reali hi iebsa. L-imħabba reali tibqa'. L-imħabba reali taħseb f'ħaddieħor. L-imħabba reali tobgħod tara difetti fil-persuna maħbuba. L-imħabba reali tissaporti kwalunkwe ħaġa. l-imħabba reali tkun lesta ssofri għall-persuna maħbuba. L-imħabba reali tkun trid tmut għaliha.

Din hi t-tip ta' mħabba li Ġesù Kristu għandu għalina. U dan mhux għax isibna attraenti. Altru. Qatt kont impressjonat bil-valur baxx tagħna, kemm nidhru disgustanti u maħmuġa

fl-għajnejn perfettament safja ta' Ġesù? Iħobbna mhux għax jarana attraenti, mhux għax jistħoqqilna, imma sempliċament għax hu mħabba. Isma' kif it-Testment il-Ġdid jenfasizza dal-punt f'ħafna nħawi. 'Alla hekk ħabb id-dinja li ta l-Iben il-waħdieni tiegħu biex kull min jemmen fih ma jintilifx iżda jkollu l-ħajja eterna' (Ġwanni 3:16). 'Alla juri mħabbtu lejnna billi meta konna għadna midinbin Kristu miet għalina' (Rumani 5:8). 'Alla hu mħabba. F'dan hi murija l-imħabba t'Alla, billi bagħat 'l Ibnu biex ikun ir-rimedju għall-ħmieġ ta' dnubietna' (1 Ġwanni 4:8f). U wieħed mexxej Kristjan eżiljat, Ġwanni, ikkundannat fil-minjieri fuq il-gżira ta' Patmos, insibuh mimli tifħir għall-imħabba li ltaqgħet miegħu u bidlitlu ħajtu. 'Lilu li jħobbna u lliberana minn dnubietna b'demmu...lilu l-glorja u dominju għal dejjem' (Rivelazzjoni 1:5). Imma abbli l-iżjed espressjoni qawwija ta' x'ifisser tkun milħuq personalment b'dik l-imħabba t'Alla nsibuha fuq fomm San Pawl, 'L-Iben t'Alla ħabbni, u ta lilu nnifsu għalija' (Galatin 2:20). Ħaġa meraviljuża tkun maħbub. B'xi mod tippurifikak, tagħmlek nobbli, iġġagħlek timxi b'rasek merfugħa. Tkun trid lil kulħadd ikun jaf. Qalbek taqbad tgħanni. Xi ħadd dehrlu li int denju ta' l-imħabba. U din hi waħda mill-ħwejjeġ l-iżjed meraviljużi dwar il-ħajja Kristjana. Il-Mulej innifsu dehrlu li int u jien denji ta' mħabbtu.

Imma kif taf? U kif taf li jħobb lili? Mistoqsijiet jaħarqu dawn. M'għandniex għalfejn ninkwetaw: it-Testment il-Ġdid jagħti tweġiba sodisfaċenti. Mhux lant nibqgħu dubjużi jew bejn ħalltejn dwar kwistjoni tant importanti.

Is-simbolu tal-Kristjaneżmu

X'inhi l-marka jew simbolu l-iżjed importanti tal-Kristjaneżmu? Ovvjament, is-salib. U dak is-salib jipprovdielna t-tweġiba għall-problema tagħna. Hi tweġiba li l-aktar ħassieb profond qatt ma mess il-qiegħ tagħha, imma hi tweġiba li tista' tkun perfettament ċara, fil-qafas tagħha, imqar għal tifel ċkejken. Dik in-nanna li kitbet l-innu famuż 'Hemm għolja ħadra, fil-bogħod' għal ulied uliedha, ġabret il-messaġġ ċar daqs il-kristall:

> Hu ta ħajtu biex ninħafru
> Huwa miet sabiex jaħsilna,
> Biex fil-Ġenna ħdejh immorru,
> B'demmu mxerred hu salvana.
> Ma kienx hemm ħaddieħor ħliefu
> Biex iħallas prezz id-dnub;
> Ġesù biss il-bieb fetħilna
> Hu stess jerfa' lejh il-qlub.

Iva, is-salib ta' Ġesù Kristu huwa l-prova qawwija u brillanti ta' kemm verament iħobbna. Ħabbna tant li kien iddisprezzat, mgħajjar, tradut, imżeblaħ, u msammar meta kien għadu ħaj ma' żokk ta' siġra raffa fis-sħana tal-jum u l-agunija biex imut mewta ta' għajb bil-qajla l-qajla, miġugħ u ttorturat iżjed milli nistgħu nistħajlu. Meta nħares lejn il-Kalvarju ma jifdalli ebda dubju li jħobbni, b'imħabba aqwa mill-mewt.

Il-messaġġ tal-Kristjaneżmu

Imma għaliex qagħad għal dik il-passjoni? X'kien l-iskop? Ma setax jurina mħabbtu b'mod inqas makabru? Iva, abbli seta'. Imma ma aċċettax is-salib sempliċament biex jurina kemm ħabbna. Din kienet parti minnha, parti tabilħaqq importanti. Bħall-kalamita din l-azzjoni ġibdet in-nies lejn Ġesù minn dakinhar 'l hawn. Imma l-Kalvarju jfisser iżjed minn hekk. Fuq dik l-għolja kellu biċċa xogħol iebsa x'iwettaq.

Biex niddeskrivuha bla ma noqogħdu nduru mal-lewża, tgħabba bis-salib sal-Kalvarju biex isalvana. Kellna bżonn min isalvana, u ma kien hemm ebda mod ieħor kif dan jista' jseħħ. Is-salvazzjoni hi kelma forsi ma ddoqqx għal widnejna, iżda xorta nużawha. Kieku ġġarrab nawfraġju fuq xi sikka f'nofs ta' baħar, ikollok bżonn min isalvak. Kieku ssib ruħek f'dar taqbad, tkun trid min isalvak. Kieku tispiċċa mċappas b'qabda dejn, tkun trid li xi ħadd jidħol għalik u jsalvak. Dan hu t-tip ta' salvataġġ li jridu jfehmuna l-kittieba tat-Testment il-Ġdid meta jgħidulna li Ġesù salva l-bnedmin bis-salib tiegħu. Ħelisna mill-għarqa ta' aljenazzjoni li fiha żżerżaqna, bogħod minn Alla. Salvana mill-qirda tad-dar tinħaraq ta' l-egoiżmu tagħna nfusna. Salvana mid-dejn enormi tal-fallimenti tagħna quddiem Alla meta ma kellna xejn b'xiex inħallsu: indaħal hu, u ħallas hu nnifsu minflokna.

Tgħidli, 'Xorta waħda għadni ma fhimt xejn.' Ma jimportax: ħalli nispjegalek b'mod aktar sempliċi u profond x'jiġifieri s-salib. Induru għall-ewwel ittra ta' wieħed li kien preżenti fost il-folla ta' l-ewwel Ġimgħa l-Kbira. Qed ngħid għal Xmun Pietru. Għaliex miet, Xmun? Imissek taf int. 'Kristu darba bata għad-dnubiet, il-ġust minflok l-inġusti, biex iressaqna lejn Alla' (1 Pietru 3:18). Għalhekk. Fuq is-salib ġarrab aġunija indeskrivibbli. Għaliex qagħad għat-tali sofferenzi? Biex iressaqna lejn Alla: dak kien l-iskop suprem għala ġie fostna fuq din l-art. Xi tfixkil kien hemm fin-nofs? Dnubietna! L-egoiżmu tagħna, ix-xewqat għall-ħażen, il-mibegħda, ir-rebgħa, l-ardita', il-kburija u l-mitt elf ħaġa oħra orribbli f'ħajjitna. Kienu qishom ħajt kbir bejnna u Alla. Ma stajniex naraw in-naħa l-oħra. Lanqas biss konna ċerti jekk kienx hemm naħa oħra, u jekk kienx hemm xi ħadd. Imma fuq is-salib Ġesù sofra biex iwaqqa' dak il-ħajt tad-dnub. Dan irnexxielu jagħmlu billi ħalla l-ħajt jaqa' fuqu nnifsu. Il-ġust minflok l-inġusti: hekk hu. Ġesù, il-ġust, ħa postna l-inġusti, ħallas id-dejn tagħna, tgħabba bit-toqol li kien imissna erfajna aħna, u skonta s-sentenza tagħna. Għamel dan biex jiksbilna lura saħħitna u tabilħaqq inkunu maħfura minn Alla, mingħajr ma jkun qed iwarrab il-ġustizzja tiegħu għal waqt wieħed biss. Kien kollox bil-fer: il-Mulej innifsu ħa l-piena minflokna. U dan għamlu darba, jiġifieri, darba għal dejjem. Dan l-att qatt m'għandu għalfejn ikun ripetut.

L-għaġeb tal-Kristjaneżmu

Malli tilqa' dal-fatt, tibqa' bla nifs. Possibbli ħabbni daqshekk? Iva, il-Kalvarju prova ta' dan. Kif, lili? Iva, int. Ħabbek daqshekk. 'L-Iben t'Alla ħabbni, u ta lilu nnifsu għalija,' jkanta Pawlu, ix-xewwiexi li Kristu qalbu f'dixxiplu. Qatt ma seta' jehda milli jistagħġeb b'dan. Tagħtih tort? Jaqaw qalbek ukoll mhix tibda toqmos quddiem dal-ħsieb li dak li għamel is-smewwiet u l-art iħobbok tant li ma qagħadx lura milli jipprovdilek mezz ħalli tkun tista' teħles mir-rużultati ta' l-egoiżmu stupidu tiegħek?

Dan jilliberana. Iqiegħed kanzunetta ġdida fuq fommna u qabża ġdida fil-mixi tagħna. L-Iben t'Alla ħabbni u ta lilu nnifsu għalija. X'valur ra fija, allura, ċkejken kemm jien ċkejken! Kemm jaf iħobb il-Mulej! U jien nista' naċċerta ruħi li ħafirli għax il-kwistjoni ġiet deċiża darba għal dejjem fuq dak is-salib kiefer - u madankollu tant glorjuż.

Tinnota li m'għamilt ebda attentat ħalli nagħtik illustrazzjonijiet umani ta' x'ġara fuq is-salib. M'hemmx. Għax imħabba li tissagrifika lilha nfisha mhux għall-ħbieb tagħha iżda għall-egħdewwa kiefra m'għandha ebda xebħ ma' mħabba oħra fid-dinja. Meta kaptan jegħreq bil-vapur b'kollox, meta omm tissagrifika lilha nfisha għat-tarbija tagħha, dawn il-ħwejjeġ ma jipparagunawx ma' l-imħabba ta' Kristu. F'reliġjonijiet oħra ma ssib xejn li mqar bejn wieħed u ieħor tista' tqabblu mas-sagrifiċċju ta' Kristu. Huwa kompletament u glorjożament uniku. F'did-dinja wiesa', kull fejn tmur, ma ssib xejn bħall-imħabba t'Alla għall-midinbin. Għalhekk imissu jimportak minn Ġesù. Iħobbok tant li kien lest jgħaddi minn dan kollu

għalik. Kapaċi tħares f'għajnejh, hu u jmidd idejh minfudin bl-imsiemer biex jagħtik merħba, u tgħid, 'X'jimportani minnu?'

## 8 Jimportak Għax Għeleb il-Mewt

Kieku Ġesù kien sempliċi bniedem meraviljuż li għex żmien twil ilu u ħabbna biżżejjed hekk li ġarrab mewt partikolarment ħarxa - kieku kien ikun permess ninjorawh. Wara kollox, irridu nħarsu lejn il-futur, mhux nibqgħu marbutin mal-passat. Imma jekk qam mill-qabar, dan l-avveniment jaqleb kollox f'dawl totalment differenti. Ifisser li bniedem wieħed kiser ix-xatba tal-mewt. Wieħed raġel jaf mill-esperjenza personali x'hemm in-naħa l-oħra. Wieħed raġel hu kwalifikat biex jiggwidana fuq id-dulluvju kiesaħ tal-mewt. Wieħed raġel, differenti minn dawk kollha qablu u warajh, kien 'dikjarat Bin Alla bil-qawmien mill-mewt' (Rumani 1:4). Jekk dan minnu, allura ma fadal ebda skuża li ninjorawh. Jekk dan verament ġara, jogħla bil-wisq iżjed mill-mexxejja reliġjużi, mill-fejjieqa u l-għalliema l-oħra ta' l-umanita'. Minn ħliefu qam mill-mewt biex ma jerġax imut?

Imma tabilħaqq qam? Vera ħareġ mill-qabar nhar l-ewwel Għid? Ma' l-ewwel daqqa t'għajn, mhux ta' min jammettiha. Il-mejtin m'għandhomx ħabta jabbandunaw l-oqbra tagħhom. Imma stenna mument. Il-mejtin li nafu bihom ilkoll ċedew għall-marda umana tad-dnub u l-falliment. Ma nafux x'jiġri meta eżempju perfett tar-razza tagħna jmut. Ma kellniex wieħed, apparti minn Ġesù! M'aħniex f'pożizzjoni ngħidu li ma setax jikser l-irbit tal-mewt. Allura jaqblilna neżaminaw l-evidenza. U l-evidenza tar-reżurrezzjoni tiegħu hi qawwija immensament. Tant qawwija li għalkemm saru diversi attentati biex iħarbtuha mill-ewwel seklu sal-lum, ebda spjegazzjoni alternattiva ma damet popolari għal tul ta' żmien. X'ħin tiġi biex tinvestigahom kritikament jixxaqqu u jinkisru. Jekk tinsab interessat tagħmel iżjed riċerka, abbli jfettillek tixref xirfa r-riżultati ta' wieħed avukat, The Evidence for the Resurrection, tal-Professur Sir Norman Anderson. Jew, jekk ma tħossokx komdu ma' l-avukati, aqra r-rapport ta' wieħed ġurnalista, Who Moved the Stone? ta' Frank Morrison. Jien innifsi nvestigajt il-kas fil-ktieb The Day Death Died. Ovvjament m'għandniex spazju biżżejjed hawnhekk biex nidħlu fid-dettalji, imma għallinqas nistgħu nippreżentaw ix-xhieda b'mod sempliċi.

L-ewwelnett, ejjew nagħmluha ċarissma li Ġesù tabilħaqq miet, mingħajr ebda dubju. Kien ċertifikat mejjet miċ-ċenturjun inkarigat mill-iskwadra li ħaditu sa fuq l-għolja tal-Kalvarju. Kien rikonoxxut bħala mejjet minn Pilatu, il-Gvernatur (li ta permess lil wieħed ħabib ta' Ġesù biex jidfen il-katavru tiegħu). U l-prova ewlenija hi li meta deffsulu lanza f'ġenbu taħt qalbu biex jaċċertaw li verament kien mejjet, ħareġ 'demm u ilma,' kif rapportat minn wieħed xhud (Ġwanni 19:34ff). Ovvjament l-ispjegazzjoni xjentifika ta' dan ma kinitx magħrufa lin-nies ta' l-antik, imma d-dijanjosi hi ċara. Demm karg u serum ċar ħareġ mill-ġisem ta' Ġesù, u dis-separazzjoni hi l-aqwa prova medika li l-pazjent hu mejjet. Mela tħalli 'l ħadd ibellagħlek xi teorija li Ġesù attwalment ħassu ħażin u mbagħad ġie f'sensihbl-arja friska tal-qabar! Kien mejjet, indubjament. Imma baqa' fl-istat tal-mewt? Ikkonsidra erba' fatturi.

Ikkonsidra l-qawma tal-Knisja Kristjana

Fl-ewwel Għid, Ġesù sab lid-dixxipli tiegħu bla spirtu ta' xejn, imferrxa u diżappuntati. Il-mexxej tagħhom, li minnu stennew u ttamaw ħwejjeġ kbar, spiċċa mejjet qasir il-għomor. Tmiem disgrazzjuż għall-aħħar. X'seta' jdawwarhom f'dik il-forza li regħdet l-Imperu Ruman? Kellhom tweġiba waħda. Li, 'Dan Ġesù, li intom sallabtu, Alla qajmu, u aħna xhieda ta' dan' (Atti 2:32). Barra minn hekk il-Knisja mill-bidu kellha tlett ħwejjeġ li jżidulna l-konvinzjoni li Ġesù kien qam mill-mewt. Kellhom żewġ sagramenti: il-magħmudija u l-Ikla

tal-Mulej. Fil-magħmudija l-fidil kien jinżel fl-ilma u jerġa' jitla' - simbolu ta' l-unjoni tiegħu ma' Ġesù fil-mewt u l-qawmien tiegħu. Fl-Ikla tal-Mulej mhux biss kienu jiftakru f'mewtu b'radd il-ħajr imma kienu jithennew bil-preżenza tal-qawmien tiegħu huma u 'jiksru l-ħobż bil-ferħ' (Atti 2:46). Ma nistgħux nimmaġinaw x'valur jew x'sens fihom dawn iż-żewġ sagramenti kieku l-qawmien ta' Ġesù ma kienx il-pedament ta' twemminhom. Dan jgħodd ukoll għat-tielet ħaġa ġdida li ntroduċew, il-qima tagħhom nhar ta' Ħadd. Il-Kristjani nsibuhom mill-bidu josservaw l-ewwel jum tal-ġimgħa bħala speċjali, minflok is-seba' jum, bħalma kienu jagħmlu l-Lhud. Għaliex? Għax il-ħidma t'Alla ta' ħolqien ġdid filli qajjem lil Ġesù mill-mewt fl-ewwel jum tal-ġimgħa kienu jqisuha bħala iżjed sinifikanti milli meta temm ix-xogħol tal-ħolqien u l-mistrieħ tiegħu fis-seba' jum tal-ġimgħa. Għal darb' oħra, kif qegħdin naraw, il-qawmien hu assolutament ċentrali.

Ikkonsidra l-qabar vojt ta' Ġesù

Hemm qbil minn kull naħa li l-qabar kien vojt f'dak l-ewwel Għid. Kieku ma kienx hekk, il-Lhud faċilment setgħu sikktu lill-Insara meta bdew jippridkaw lil Kristu rxoxt. Setgħu qalu, 'Mhux talli ma qamx, imma qed jitħassar f'qabar fil-viċin.' Imma avolja xtaqu jgħidu xi ħaġa hekk, u jqaċċtu minn egħruqu l-moviment ġdid, ma kinux kapaċi jagħmlu t-tali stqarrija. Bil-ħaqq, il-fatt li ma setgħux jipproduċu l-ġisem jagħtina prova li l-Lhud ma kinux messewh. Lanqas ir-Rumani - altrimenti setgħu jikxfu l-ġisem meta l-Knisja Kristjani bdiettkun theddida għall-paċi (kif infatti ġara fi żmien ftit ġimgħat). Attwalment baqagħlna biss id-dixxipli, li possibilment setgħu serquh mill-qabar. Imma iżjed ma taħseb dwar dil-possibilta’, aktar tidher inkredibbli. Imqar kieku rnexxilhom jaqbżu l-għassa nkarigata mill-ħarsien tal-qabar, ma nistax inniżżilha kif kienu lesti jitqattgħu bċejjeċ għal xi ħaġa li huma nfushom kienu jafu li hi falza. Ma tistax tispjega s-sens ta' hena u konfidenza u qawwa li tiddi mit-Testment il-Ġdid jekk tassumi li l-Kristjani bikrija kienu ipokriti, u pretendew li Ġesù kien ħaj meta kienu jafu li mhux. Ma naf b'ħadd li studja l-evidenza u jistma din il-possibilta’ bħala spjegazzjoni. Insomma, mela, jekk il-ġisem ta' Ġesù ma kienx imneħħi la minn ħbiebu u lanqas mill-egħdewwa tiegħu, jibqagħlna biss possibilta’ waħda. Li Alla qajmu mill-mewt, bħalma l-Insara mbellħa u trijonfanti saħqu li ġara.

Ikkonsidra d-dehriet ta' Ġesù

Hu nnifsu ma ħalliniex b'qabar vojt bla spjegazzjoni. Għal erbgħin jum deher lid-dixxipli tiegħu f'bosta okkażżjonijiet diversi f'lokalitajiet differenti. U l-varjeta’ tad-dehriet tiegħu jkeċċulna s-suspett li setgħu kienu biss qerq bil-maġija jew illużjoni fl-imħuħ . Ġemgħat differenti ta' nies, b'karattri differenti u f'postijiet differenti mhumiex faċilment suġġetti għall-qerq kollha f'kolp. F'okkażżjoni minnhom deher lil aktar minn ħames mitt persuna f'daqqa, li l-maġġoranza minnhom kienu għadhom ħajjin u setgħu jiggarantixxu l-fatt kif imsemmi minn Pawlu f'waħda mill-ittritiegħu (1 Korintin 15:6).

Ikkonsidra l-ħajjiet mibdula tad-dixxipli tiegħu

L-1 Korintin 15:5-8 fihom lista interessanti u bikrija ta' dawk li ltaqgħu ma' Ġesù wara r-reżurrezzjoni tiegħu. Il-lista oriġinat fi żmien sentejn jew tlieta wara l-avveniment, u kienet diġa’ ffissata fit-tradizzjoni qabel ma Pawlu kkonverta fit-triq hu u sejjer Damasku f'nofs it-tletinijiet W.K. Tgħidilna li Ġesù qam mill-mewt u deher lil Pietru, imbagħad lit-Tnax, imbagħad lil ħames mitt fidil, imbagħad lil Ġakbu u fl-aħħarnett lil Pawlu. Aħseb ftit dwar it-trasformazzjoni li ġabet ir-reżurrezzjoni! Pietru, minn traditur inbidel f'raġel sod daqs ġebla, u l-knisja bikrija kienet imsejsa fuq il-kuraġġ u x-xhieda tiegħu. Tista' tisma' l-ferħ tal-qawmien jixpakka mill-ewwel ittra tiegħu: 'Imbierek ikun Alla u Missier Sidna Ġesù Kristu, li bil-ħniena kbira tiegħu reġa' wilidna għal tama ħajja bil-qawma ta' Ġesù Kristu

minn bejn l-imwiet' (1 Pietru 1:3). It-Tnax, li kien abbandunaw lil Ġesù fis-siegħa tal-bżonn, issa jqumu bil-wieqfa b'kuraġġ eċċezzjonali quddiem il-mexxejja Lhud, gvernaturi Rumani u nies ordinarji u xettiċi fit-toroq. Il-ħames mija, li għandu mnejn kienu jafu lil Ġesù fil-Galilija, issa, minn ċorma nies bla ħeġġa, insibuhom miġmugħa fi Knisja umli, ferrieħa u konfidenti. Ġakbu, li flimkien ma' l-aħwa l-oħra ta' Ġesù, kien mimli dubju dwaru meta kien ħaj (min fost l-aħwa ma jagħmilx hekk?) issa jsir jemmen wara li seħħ dan l-avveniment. Għaliex? It-Testment il-Ġdid jgħarrafna l-għala: 'Deher lil Ġakbu' (1 Korintin 15:7). Għalhekk Ġakbu nqaleb minn wieħed xettiku f'mexxej bla biża' tal-knisja f'Ġerusalemm, u eventwalment sofra l-martirju għal dak ħuh li darba daħaq bih. U Pawlu, kulħadd jafha l-ġrajja tiegħu. L-ikbar għadu ta' Ġesù kkonverta u sar l-akbar dixxiplu tiegħu. Għaliex? 'Fl-aħħar...deher lili.' Meta tikkonsidra onestament u bil-galbu l-kambjament fil-ħajjiet ta' dawn l-irġiel, u l-mod kif kollha rreferew dil-bidla għall-qawmien ta' Ġesù, jidhirli li jkollok taqbel li għandna evidenza soda li l-qawmien attwalment ġara.

Il-bidu tal-knisja, il-qabar vojt, id-dehriet wara l-qawmien tiegħu, il-ħajjiet trasformati tad-dixxipli tiegħu jifformaw il-bċejjeċ tagħna fi stampa waħda. L-evidenza kollha tindika li Ġesù infatti qam mill-qabar. Din hi r-raġuni għala s-segwaċi tiegħu kienu konvinti li kien iżjed minn bniedem. Kien għalhekk li għaddewh denju tal-qima tagħhom. Kien għalhekk li nsibuhom tant konfidenti. Kien għalhekk li nfirxu f'leħħa ta' berqa. U għalhekk miljuni ta' Kristjani matul iż-żminijiet u ma' l-erbat irjieħ tad-dinja kienu kapaċi jżidu t-testimonjanza tagħhom għall-fatt li Kristu qam mill-imwiet. Hu jgħix, u dan jafuh sewwa!

Kollox ma' kollox, din hi raġuni qawwija għala jmissu jimportak minn Ġesù. Jekk tabilħaqq qam mill-mewt, huwa l-Iben t'Alla. Jekk qam mill-mewt, jinsab ħaj u jista' jkollok x'taqsam miegħu. Jekk qam mill-mewt, jista' jiggwidak f'din il-ħajja u f'li ġejja - l-unika persuna fid-dinja kwalifikata għal dil-biċċa xogħol. Jaqbillek jimportak minnu sakemm għad fadallek l-opportunita'.

### 9 Jimportak Għax Kapaċi Jibdillek Ħajtek

L-evidenza għall-qawmien ta' Ġesù ma tispiċċax ma' l-ewwel seklu. Waħda mill-provi l-iżjed rimarkevoli ta' din il-verità tinsab hawn. Il-biċċa l-kbira ta' l-avvenimenti storiċi jitilfu ċ-ċertezza tagħhom iżjed ma jitbiegħdu, iżda l-konvinzjoni li Ġesù qam u jinsab ħaj kibret matul is-sekli. Issa tista' tiltaqa' mhux ma' Pietru, Ġwanni, Pawlu u forsi ħames mitt Kristjan li jkunu jistgħu jassigurawk li hu Salvatur ħaj, iżda miljuni mad-dinja kollha. Jistgħu jixdhulek bil-konfidenza parzjalment minħabba l-evidenza storika, imma prinċipalment għax jafuh. Attent, mhux jafu dwaru: jafuh. Hemm baħar jaqsam bejn it-tnejn.

Meta nkun naf dwar xi ħadd sempliċament hu figura bla sugugħalija, sew jekk inhu ħaj illum jew inkella għex żmien ilu. Imma malli nsir nafu jiġi tad-demm u l-laħam quddiemi. L-ewwel inkunu introdotti; imbagħad inqattgħu ħin flimkien; imbagħad insiru ħbieb; imbagħad insiru nafu lil xulxin intimament.

Bidla f'ħaddieħor

Huwa xi ħaġa hekk ma' Ġesù. Għal ħafna snin kont naf dwaru bħala xi ħadd storiku, bla ħajja. U mbagħad jum wieħed irrealizzajt li jekk qam mill-qabar (xi ħaġa li kont bħal speċi nemminha) kien ħaj, nista' niltaqa' miegħu u nsir nafu. Għalhekk tlabtu jagħmel lilu nnifsu reali għalija. Tlabtu nsir ħabibu, ħabib ta' ġewwa. Tlabtu jaqbad jaħdem fija u jibdilna bil-ħbiberija trasformanti tiegħu f'dak li suppost inkun. Minn dakinhar 'il quddiem, u issa ilu iżjed minn tletin sena, nista' ngħid onestament li mhux sempliċament naf dwaru. Nafu.

Biex ngħidu hekk, ma tantx inbidlet il-qagħda mindu mexa fuq din l-art. Dak iż-żmien kien jibdel il-ħajja tan-nies hekk kif kienu jidħlu f'kuntatt qrib miegħu. Ħu lil Ġakbu u Ġwanni, kif kienu mlaqqma 'wlied ir-ragħad,' jitlagħlhom malajr u vendikattivi. U mbagħad aqra l-ewwel ittra ta' Ġwanni u titgħaxxaq bl-imħabba ta' Kristu tgelgel minnha. Tapprezza x'ġenju uniku kien fih Ġesù, kif kien jibdel il-karattru għall-aħjar.

Jew inkella ħares lejn Marija ta' Magdala, mhux biss prostituta iżda ppussessata mid-demonji: kienet mgħaddsa fl-okkult. Ġesù ġab kambjament f'ħajjitha. Saret pura u tħobb, segwaċi assolutament devota tiegħu, u l-ewwel waħda li tat xhieda tal-qawmien tiegħu. Jew ikkonsidra lil Ġakbu u Ġuda, tnejn minn ħut Ġesù, li ma tantx kellhom stima għolja tal-famuż ħuhom meta kien fosthom, iżda waslu biex skoprew min kien wara l-qawmien tiegħu u t-tnejn kitbu ittri fit-Testment il-Ġdid, fejn fihom iddikjaraw lilhom infushom ilsiera tiegħu!

Dik l-iskema ta' ħajjiet mibdula kompliet mindu Ġesù ħalla din l-art, u l-Ispirtu tiegħu ġie jgħammar fi qlub il-fidili. Bl-Ispirtu tiegħu Ġesù seta' jagħmel f'ħafna ħajjiet dik li tul għomru seta' jagħmel fil-ftit nies li ltaqa' magħhom: jittrasformahom. Difatti, l-għan ewlieni għala l-Ispirtu jgħammar fl-Insara hu biex jagħmilhom jixbħu lil Ġesù. Bil-mod il-mod jibdilna fix-xbieha tiegħu aħna u ngħixu qrib tiegħu (2 Korintin 3:18 hu vers ta' l-għaġeb dwar dan). Il-bidla fl-Insara bikrija hi impressjonanti. Ma kinux nies puliti u rispettabbli, li kienu jieħdu pjaċir imorru l-knisja nhar ta' Ħadd. Kienu aktarx 'immorali... idolatri... adulteri... sesswalment maqluba... ħallelin... rgħiba... sakranazzi... għajjarin... ħallelin'. 'Hekk kienu xi wħud minnkom,' jikteb Pawlu (1 Korintin 6:9f). 'Imma intom maħsulin, imqaddsin, iġġustifikati f'isem il-Mulej Ġesù u bl-Ispirtu t'Alla tagħna.' Din hi l-glorja suprema ta' Ġesù: jaqbad nies deformati bl-egoiżmu u d-dnub, u jittrasformahom hekk li jibdew jiddu b'dawl misluf mill-karattru tiegħu nnifsu. Dan hu l-essenzjal tal-ħajja Kristjana. Ġesù ħaj, imqajjem mill-mewt, għadu jibdel il-ħajja tan-nies.

U xi ngħidu dwar xi nies magħrufa fi żmienna? Nisa u rġiel famużi fl-isports, ċelebritajiet f'ħafna oqsma tal-ħajja, nies b'karriera, issibhom fost dawk li skoprew li Ġesù hu tabilħaqq ħaj. Ħafna membri tal-Parlament, Ministru tal-Kabinett u politiċi jistqarru liberament li l-fidi tagħhom f'Ġesù kienet l-iżjed fattur fil-karriera tagħhom li bidilhom ta' taħt fuq. Oħrajn isegwu lil Ġesù Kristu bil-qlubija fid-dinja professjonali tal-futbol jew il-mużika pop: minn diskorshom u mġibithom tagħrafhom.

Bidla fik

Imma Ġesù mhux interessat biss fin-nies magħrufa. Jiġini f'moħħi raġel nafu, ħaddiem ta' l-affari tiegħu, li kien salvat meta kien il-ħabs. L-istess ġralha martu hi u tistennih jiskonta s-sentenza. X'differenza! Il-ħabs ifakkarni f'ieħor li darba kien ħalliel tal-karozzi; nafu sew. Lil Kristu sar jafu f'Reading Gaol. Aqta' x'qed jagħmel issa? Jaħdem fix-xandir ta' l-Evanġelju!

Naħseb dwar qtajja' ġmielhom ta' studenti agnostiċi kull sena f'Oxford, fejn kont naħdem, li f'Ġesù Kristu sabu ħabib ħaj, li jiġġwidahom u jqiegħed sfida quddiemhom. U dejjem tista' tinnota d-differenza li jagħmel. Ferħ ġdid, impenn ġdid lejn il-proxxmu, abbilta' ġdida biex taqta' l-vizzji ta' l-imgħoddi, għaxqa ġdida fit-talb, xewqa li tkun fil-kumpanija ta' ħbieb oħra ta' Ġesù, sens ta' qadi li qabel ma kienx jeżisti. M'għandux x'jaqsam minn liema sfond ġej. Jgħaddili minn quddiem għajnejja wieħed Ġappuniż b'kultura vasta, Musulman għani mit-Turkija, Ħindu ġentili, gangster il-ħabs għal għomru, prostituta, ħafna tfal mill-klassi tal-ħaddiema, mastrudaxxa, Lhudi tas-sengħa. Ġesù tahom merħba lkoll. Hu l-bniedem għal kull staġun, il-bniedem għal kull tip.

Peress li hu ħaj, tista' titkellem miegħu - ladarba tkun introdott miegħu. Tista' tgawdi l-kumpanija tiegħu, u dan jagħmel differenza enormi għas-solitudni li żżurna kultant u tant. 'Jien dejjem magħkom,' wegħdna (Mattew 28:20).

Peress li hu ħaj, tista' titolbu jgħinek meta l-pressjonijiet tal-ħajja u t-tiġrib tħosshom jagħfsu fuqek. 'Akbar hu dak fihom minn dak li hu fid-dinja,' jgħid il-Ktieb it-Tajjeb (1 Ġwanni 4:4). U veru. Jista' jkollok prova ta' dan. Għid biss, 'Mulej, għinni' - u tara.

Peress li hu ħaj, tista' tmur lura għandu meta tkun għaxxaqtha bl-ikreh. Tista' tgħid, 'Kont iblaħ. Jiddispjaċini.' U, 'Jekk nistqarru dnubietna, hu fidil u ġust biex jaħfrilna dnubietna, u jnaddafna minn kull ħażen' (1 Ġwanni 1:9).

Peress li hu ħaj, tista' tiltaqa' miegħu fil-ħajja ta' Kristjani oħra u tagħraf il-bidliet li qed iwettaq fihom, tifraħ bihom, u titgħallem minnhom.

Peress li hu ħaj, tista' tikkommetti l-impjieg, iż-żwieġ, u l-futur tiegħek f'idejh. Kif jgħidilna Pietru b'sempliċita' ammirabbli: "Ixħtu l-inkwiet tagħkom fuqu. Għax hu jimportah minnkom' (1 Pietru 5:7).

Peress li hu ħaj, imqar jekk tkun irtirat mix-xogħol u għandek eta' avvanzata, m'għandikx għax titwaħħax. M'għandek bżonn qatt tirtira mill-impjieg tiegħu. Mhux se jarmik meta jibjadlek xagħrek. U meta jum wieħed ikollok tmut, iwennsek minn taħt l-ilsien, 'Qawwi qalbek. Huwa jien. Tibżax.'

Meta tgħix ma' Ġesù hekk ma jistax jonqos illi ħajtek tkun mibdula mil-lejl għan-nhar. U fl-aħjar mumenti tiegħek, mhux dan li xtaqt? Allura x'inhi din il-ħedla kollha dwar 'X'jimportani minn Ġesù?' Hu propjament dak li teħtieġ jekk trid tkun ir-raġel jew mara li suppost kellek tkun. Tirrifjutax iċ-ċans tiegħek.

## 10 Jimportak Għax Għandek Bżonnu

'X'nambih lil Ġesù Kristu?' Smajtek sew? 'Dak jgħodd għal karattri dgħajfa li jeħtieġu krozzi fil-ħajja.' Tabilħaqq? Mela ppermettili nistaqsik domanda jew tnejn.

Kun onest

Ġarrabt qabda mħabba f'ħajtek?

Mhux sess, iżda mħabba li tibqa'. Imħabba li tissaportik meta tkun impossibbli. Imħabba tant li wieħed jieħu pjaċir jitħallat mal-familja tiegħek. Imħabba li tikber iżjed ma tixjieħ int u l-partner tiegħek. Imħabba li tgelgel lejn nies oħra b'aċċettazzjoni ħielsa u bla ma tiġġudika. Jekk m'għandikx dit-tip ta' mħabba f'ħajtek, imissu jkun jimportak minn Ġesù. Għax kapaċi jipprovdihielek.

Issibek tabilħaqq sodisfatt bil-ħajja?

Ħafna nies jaħsbu li l-kuntentizza hi r-riżultat ta' kemm jirnexxilek tgeddes flus u ġid. Skoprejt li dawn ma jissodisfawx? Oħrajn jidhrilhom li jekk tikseb fama tajba jew poter jew tilħaq l-ambizzjonijiet tiegħek, awtomatikament issir ferħan. Indunajt li lanqas dan mhu minnu? L-hena hi qagħda tal-moħħ. L-hena hi pjuttost indipendenti miċ-ċirkostanzi esterni tiegħek. San Pawl kiteb, hu u kien marbut b'katina fil-ħabs, 'Ifirħu fil-Mulej dejjem, u nerġa'

ngħid, ifirħu' (Filippin 4:4). Kieku kont il-ħabs kont tasal tgħid dad-diskors? Jekk le, teħtieġ lil dak li kapaċi jnissel fik it-tali hena. Huwa Ġesù Kristu.

Xi ngħidu dwar ir-relazzjonijiet tiegħek?

Issibek tagħmel dak li tkun determinat tagħmel - titratta lil kulħadd bħalma tixtieqhom jitrattaw lilek? Int wieħed kalm, taħseb fl-oħrajn, ħanin, tippreferi lil ħaddieħor? Jekk issib dil-mistoqsija tqila, staqsi lil martek jew żewġek, lis-segretarja, sħabek fuq ix-xogħol jew l-istudenti tal-klassi tiegħek jew lill-kollegi tiegħek. Insibuna aħjar ikollna x'naqsmu ma' affarijiet aktarx milli man-nies daż-żmien. In-nies kapriċċjużi, ma tafx x'jagħtihom! Jekk dal-qasam tar-relazzjonijiet hu wieħed li jikxef id-debolizza fik, jeħtieġ issir midħla ma' l-espert fuq das-suġġett, Ġesù. Jgħidilna x'inhu l-kmandament ġdid tiegħu għalina: ħobbu lil xulxin. Jgħidilna wkoll li kapaċi jipprovdielna mħabba fil-ġewwieni tagħna. Hi l-ewwel u l-aqwa frott imkabbarmill-Ispirtu, hekk kif inħallu x-xitla taqbad fina.

Tinsab inkwetat dwar il-ġejjieni?

Inħarsu lejn il-biċċa minn angolu ieħor. Il-kwistjoni kollha tal-futur issibha tħawwdek? Ma tagħmilx differenza jekk intix ħaddiem jew inkella maniġer, jekk intix xebba ttella' u tniżżel tiżżewwiġx (meta tiftakar li terz taż-żwiġijet jisfaxxaw), jew intix ġuvni qed tipprova taqta' x'tagħmel meta tlesti l-iskola (u forsi jkollok tibda billi tirreġistra). M'hemmx għalfejn statistika: il-ħajja diffiċli, u d-deċiżjonijiet itertqulek qalbek. Jaqaw m'hemm ebda vantaġġ filli jkollok il-gwida personali u l-għożża ta' wieħed li mexa fi triqtna qabilna, u jaf b'kull intopp u kull problema? Il-futur jinsab fil-ħakma t'idu. Ma nwegħdikx tweġibiet faċli jekk tafda lilek innifsek f'idejh. F'ċertu sens il-problemi jitqalulek. Imma l-ferħ li jkollok dal-ħabib, li jħobb u jifhmek, li tkun tista' taqsam is-saram miegħu, hi xi ħaġa li ma npartathiex ma' miljun lira.

Iġġarrab fallimenti?

Nissuspetta li għandek xi dgħufijiet li jiżbranawk kultant u tant. Jew forsi int perfett, bħal William Weddell, Esq., li l-monument imponenti tiegħu jinsab fil-Kattidral ta' Ripon. L-iskrizzjoni tgħid: 'B'tifkira ta' William Weddell, Esq. ta' Newby, li fih kull virtu' li jagħmel nobbli lill-moħħ uman kien magħqud b'kull eleganza li ssebbħu, dan il-mafkar, emblema dgħajfa tal-gosti raffinati tiegħu, hu dedikat mill-armla tiegħu.' Jaqbadna d-daħq x'ħin niltaqgħu ma' ċajta bħal din. Nafu li l-bnedmin mhumiex hekk. Aħna nfusna m'aħniex: altru. M'għandniex bżonn, allura, lill-Mastrudaxxa ta' Nazaret biex jaqbad jinċana l-għuda raffa ta' ħajjitna u jonqox fina xi ħaġa mill-karattru sabiħ tiegħu?

Għandek paċi dwar ħajtek?

Hemm żewġ oqsma li ma tantx niddiskutuhom daż-żmien, u madankollu kull raġel, mara, tifel u tifla teħtiegħhom: maħfra li timsaħ il-passat, u ħajja li ddum sa fil-ġejjieni. Għad irrid niltaqa' ma' xi ħadd li m'għandux xi skeletru jew tnejn iċaqċqu fl-armarji moħbija ta' ħajtu. U t-tobba, il-psikjatri, u l-brigata sħiħa ta' esperti ma jistgħux jilliberawna minnhom. Hemm ħwejjeġ li għamilna li meta nħarsu lura nixtiequ ferm li qatt m'għamilnihom: hemm atti ħatja f'ħajjitna, li aħna nfusna wettaqna u ridna nwettqu, imma li issa nistħu minnhom. Inħossuna maħmuġa bħala riżultat, u m'għandniex idea kif nistgħu nitnaddfu tindifa sew. Għalina dan bżonn bażiku. U hemm bżonn ieħor aħna u għaddejjin matul it-tlett egħxieren u għaxar snin tagħna. Il-ħajja tidher bla tarf meta nkunu fuq l-għatba taż-żgħożija. Tidher qasira daqs metru spag la naqbżu l-ħamsin. U jekk jirnexxilna nilħqu l-wieħed u sebgħin,

nirrealizzaw li qed ngħixu bis-self. Jaqaw dil-ħajja kulma hemm? Fil-fond ta' qalbna nħossu li ma jistax ikun hekk. U madankollu kif nistgħu nkunu ċerti dwar xi ħaġa lil hinn minnha?

Ġesù Kristu hu l-uniku wieħed li jista' jissodisfa dawn iż-żewġ bżonnijiet l-iżjed universali. Mewtu fuq is-salib mesħet il-ħmieġ tal-midinbin. Meta jħares lejn dawn l-istess ħwejjeġ li jidhrilna qatt ma nistgħu ninsew, u qatt ma nistgħu naħfru lilna nfusna għalihom, hu jgħid, 'Dnubietek u l-ħażen tiegħek ma niftakrux aktar (Ġeremija 31:34)...Ħieni l-bniedem li dnubietu maħfura u l-ħażen tiegħu mgħotti (Salm 32:1)...M'hemm ebda kundanna għal dawk li huma fi Kristu Ġesù (Rumani 8:1)...Hu sofra darba għad-dnubiet, il-ġust minflok l-inġusti, biex iressaqna lejn Alla (1 Pietru 3:18).' Fejn takkwista offerta bħal dik?

Ħajja eterna

L-iskop għala ġie f'did-dinja kien biex il-ħajja eterna ssir realta' għalina. Il-ħajja eterna ma tibdiex meta tmut. Tibda qabel tmut, inkella ma tibda xejn. 'Din hi l-ħajja eterna, li jagħrfu lilek Alla waħdek veru u 'l Ġesù Kristu li inti bgħatt,' jgħid Ġesù (Ġwanni 17:3). San Ġwann ifiehmna b'sempliċita' kbira: 'Min għandu l-Iben għandu l-ħajja, u min m'għandux l-Iben m'għandux il-ħajja' (1 Ġwanni 5:12). Il-ħajja eterna mhux kwantita' miżjuda ta' ħajja, imma kwalita' ġdida ta' ħajja - bħal meta żagħżugħ jiddobba l-ewwel mutur, jew għarusa f'jum it-tieġ tagħha. Dimensjoni ġdida ta' ħajja donnha tinfetaħ. Hekk jiġri meta Ġesù Kristu jidħol f'ħajtek. Hemm tibda l-ħajja eterna, u tibqa' mqar wara l-mewt għal dejjem, fil-kumpanija tal-Mulej li nħobbu.

Sewwa, mela, jekk ma tridhiex il-ħajja eterna u ma tara ebda bżonn ta' maħfra, nista' nifhmek meta tgħid, 'X'jimportani minn Ġesù?' Id-deċiżjoni tiegħek. Jirrispettaha. Qatt mhu se jisforza lilu nnifsu fuq ħadd - dak mhux il-mod kif taġixxi l-imħabba. Imma jekk, apparti mill-ħtieġa tiegħek għall-qawwa morali, sodisfazzjon profond, ħajja mimlija mħabba, il-gwida tiegħu, u l-abbilta' li tiżviluppa relazzjonijiet tabilħaqq ħanina ma' ħaddieħor, tinsab konxju ta' dawn iż-żewġ bżonnijiet kbar ta' maħfra u ħajja eterna, ngħidlek ħaġa waħda. Ħadd mhu kapaċi jagħtihomlok ħlief Ġesù. Jekk ma jimportakx minnu ma tagħmilx sens ikun jimportak minnhom.

## 11 Jimportak Għax Qed Isejjaħlek

Hawn l-idea li l-Kristjaneżmu veru hu rħis u komdu. Inkredibbli! Dan jagħtina prova kemm hu effettiv ir-reklamar ta' l-Għadu. Infatti, biss in-nies qalbiena, l-individwi li huma preparati jgħumu kontra l-kurrent, issibhom fost id-dixxipli impennjati ta' Ġesù Kristu. Jistgħu jkunu nisa xjuħ, jew eżekuttivi fin-negozju, baħrin jew ġurnalisti, imma lkoll jeħtieġu l-kuraġġ morali jekk iridu jqumu bil-wieqfa u jingħaddu fost il-ħbieb ta' Ġesù. Qatt ma offrielna ħajja faċli. Hu nnifsu kellu ħajja iebsa, u wissiena li jkollna l-istess esperjenza. Aħna msejħin inħobbuh iżjed u aħjar minn missierna u ommna, mill-familja u l-impjieg tagħna. Imsejħin ukoll ma nkunux mistħija minnu fl-ebda tip ta' kumpanija. Irridu nkunu mħejjija nidhru bla ħabi bħall-belt fuq l-għolja. Ikollna nkunu f'minoranza. Ikollna naqbdu t-triq tas-salib b'xi mod jew ieħor. Ma jkunx faċli timxi wara Ġesù. Qatt ma kien faċli; illum lanqas.

L-isfida

Mela ejjew noħorġuha minn rasna, darba għal dejjem, li nistgħu nersqu lejn Ġesù bil-ħsieb li kollox imbagħad jiġina ward u żahar. Jekk xi darba smajt predikaturi joffrulek l-ilma jiżfen, insihom. Mhumiex jippreżentawlek l-oġġett awtentiku, imma biss imitazzjoni ħelwa tal-Kristjaneżmu ġenwin.

Isma' x'kien l-ewwel kliem rekordjat ta' Ġesù:

Ġesù ġie fil-Galilija, ixandar l-evanġelju tas-saltna t'Alla, u jgħid: 'Għalaq iż-żmien, u s-saltna t'Alla qorbot: indmu, u emmnu l-evanġelju.'

Issa hu u għaddej ħdejn il-baħar tal-Galilija, ra 'l Xmun u 'l Indrì ħuh jitfgħu xibka fil-baħar, għax kienu sajjieda. U qalilhom Ġesù: 'Ejjew warajja, u nagħmilkom tkunu sajjieda tal-bnedmin.' U minnufih ħallew ix-xbieki tagħhom, u marru warajh. U wara li mexa ftit iżjed 'il quddiem minn hemm, ra 'l Ġakbu bin Żebedew, u 'l ħuh Ġwanni, li kienu wkoll fid-dgħajsa jsewwu x-xbieki tagħhom. U minnufih sejħilhom: u ħallew lil missierhom Żebedew fid-dgħajsa mal-ħaddiema mikrija, u marru warajh (Mark 1:14-20).

F'din l-istorja qasira nsibu skoss ħwejjeġ interessanti. Innota kif Ġesù jidħol fix-xena u jieħu lil dawn is-sajjieda, irġiel mimlija enerġija, għall-għarrieda. Ma kinux lesti jmorru wara dak u l-ieħor kif ġieb u laħaq! Bilfors ikkonvinċihom li fih innifsu tabilħaqq ġab is-Saltna t'Alla. Bilfors rawh bħala 'bxara tajba' - għax 'evanġelju' hekk ifisser. Taħseb dwar Ġesù b'dal-mod? U dan Ġesù li jġibilhom aħbarijiet tajba dwar x'tista' tfisser il-ħakma sultana t'Alla f'ħajjithom jgħidilhom li għalaq iż-żmien. Jeħtiġilhom jaqtgħuha favorih jew kontrih. Se jindmu, u jibdlu l-attitudni ċċentrata fuqhom infushom, jew le? Lesti jafdawh, jew le? Lesti jimbarkaw fuq ħajja bħala dixxipli, u jafdaw lilhom infushom fl-idejn ċerti tiegħu għal dak kollu li l-futur jista' jaqla'? Se jqegħduh fuq livell ogħla mill-impjieg tagħhom, ogħla mqar mill-familja u l-kollegi tagħhom?

Hekk kienet l-isfida. Ilkoll nafu x'għamlu biha. Imma l-isfida għadha tiġi quddiemna llum. Ġesù jgħid lilek, li issa wasalt fl-aħħar ta' dal-ktieb, 'Iż-żmien hu mwettaq.' Ma fadallekx ħin. Ilek snin twal taħli ħinek. Abbli ftit taf dwaru, imma taf biżżejjed biex tikkommetti ruħek f'idejh. Hi kwistjoni tar-rieda. Se tidħol għaliha?

It-tweġiba

'Imma x'suppost nagħmel?' abbli tistaqsi. Xejn kumplikat: sempliċament ħaġa iebsa. Jgħidlek, 'Indem.' Jiġifieri, abbanduna dak kollu li taf li huwa ħażin. Ma jfissirx li trid iċċedih qabel ma titnizżel fir-rassenja tal-kawża tiegħu: ma tistax. Għalhekk għandek bżonn Salvatur. Imma ċertament ifisser li trid tkun lest tħallih jaqtagħlek il-partijiet marida ta' ħajtek. Hu kirurgu tas-sengħa. Tista' tafdah: mhux se jweġġgħek iżjed milli meħtieġ. Ineħħilek biss dak li hu marid u bla tama. M'għandikx għalfejn tiġma' qabda biki taparsi dwar kemm int persuna ħażina. Sempliċament tħalli 'l Alla jagħmillek l-operazzjoni. Għidlu, 'Ġesù, ejja u naddafni. Irrid it-tindif tiegħek, jiswa kemm jiswa.'

Diffiċli biżżejjed daqshekk? Le, għad fadal x'ngħidlek. Ħadd ma qallek li se tkun faċli. Minn issa 'l quddiem is-Saltna t'Alla se tieħu kontroll ta' ħajtek, tiftakar? Tajjeb wisq, is-Sultan bilfors jiġi l-ewwel. Qabel 'ix-xbieki' tiegħek: il-ħwejjeġ kollha li fuqhom hi mitlufa ħajtek. Qabel 'id-dgħajjes': il-ġid kollu li jidher tant importanti. Qabel 'il-qaddejja mikrija': in-nies kollha li abbli jiżżufjettaw bik. Qabel 'Żebedew': dawk kollha l-eqreb u l-egħżeż għalik, li forsi ma togħġobhomx il-bidla fid-direzzjoni. Lest tħallih ikun l-ewwel? Jekk le, evitah lil Ġesù. Ma jgħoddx għalik. Hu qed ifittex karattri rivoluzzjonarji li jwiegħdu kulma għandhom għall-kawża tiegħu. Hu nnifsu ta kollox għalina...

'Insomma,' tgħid, 'ninsab preparat. Għallinqas, hekk jidhirli.' Famuż. Mela l-pass li jmiss hu sempliċi, imma diffiċli ħafna. Sempliċi għax imqar tifel kapaċi jieħdu. Diffiċli għax trid tkun imżejjen b'umilta' ta' tifel biex tieħdu. Ġesù jgħid, 'Emmen fl-aħbar it-tajba.' Tħossok temminha diġa'? Stenna ftit. L-aħbar it-tajba hi l-ewwel u qabel kollox aħbar ħażina:

tgħarrafna li mingħajr Ġesù ninsabu mitlufa, bla tama. Tammetti dan? Tirrikonoxxi li l-egħmejjel tajba tiegħek mhumiex biżżejjed biex timmerita l-favur t'Alla? Li ma tistax timmeritah billi tmur il-knisja jew tagħti karita'? Tidħol fis-Saltna minn bieb dejjaq wisq. Dak il-bieb jinsab qrib salib. U fuq dak is-salib hemm imdendel wieħed b'tagħbija ħmieġ fuq dahru. Int u tħares, tinduna b'għajb li t-toqol hu magħmul mill-ħwejjeġ ħżiena kollha, il-ħsibijiet maħmuġa, l-attitudnijiet imħassra, id-diskors żbaljat, il-vizzji orribbli li int ħati għalihom. Iħares fiss lejk, kif ikun mislub hemm, u jgħidlek, 'Temmen bl-aħbar it-tajba? Ninsab imdendel hawn għalik. Tgħabbejt bit-toqol tiegħek biex ma tispiċċax mgħaffeġ bih. Taċċetta maħfra b'xejn - għax ħadtlek fuqi l-kastig tiegħek?' Biex tasal u tgħid, 'Iva, Mulej: grazzi ħafna,' hu faċli, imma inkredibbilment umiljanti. Ħadd għadu qatt ma daħal fis-Saltna b'xi mod ieħor. Għalik mhux se jsiru eċċezzjonijiet. Tiġi għarkopptejk, tiġi b'appell għall-maħfra, tiġi bi dmugħ ta' gratitudni f'għajnejk, jekk 'temmen l-evanġelju.' Temmnu? Jekk iva, intefa' għarkupptejk fejn int, u rodd ħajr lill-Mulej għall-ħidma tiegħu biex tkun milqugħ. Afda ħajtek kollha f'idejh. U ftakar, il-maħfra tibqa'; qatt ma jasal biex jiddiżappuntak.

X'imiss? Dawn il-mumenti jgħaddu, hux? Xi ngħidu għall-ġejjieni - se tqattgħu ma' Kristu? L-ewwel dixxipli kellhom jitgħallmu fatt importanti. Kienu dixxipli: dil-kelma tfisser 'student,' wieħed qed jitgħallem. U l-istess int. Infatti, tibqa' fl-iskola ta' Ġesù ħajtek kollha. Qatt m'inti se tgħaddi t-test u mbagħad issir indipendenti mill-Għalliem tiegħek. Bħal meta tkun qed titgħallem issuq, se jpoġġi ħdejk fuq quddiem għall-bqija tal-vjaġġ issa li lqajtu. Jaf bil-perikli u l-problemi li jinqalgħu mat-triq. Għandu esperjenza infinita. Jgħidlek, 'Imxi warajja.' Kif? Dritt jiġuni f'moħħi żewġ punti.

L-ewwelnett, skopri l-istruzzjonijiet tiegħu. Hemm manwâl perfettament adattat fil-karozza. L-Iskrittura turik kulma teħtieġ tkun taf dwar il-vjaġġ, u toffrilek l-istruzzjonijiet kif għandek tasal fid-destinazzjoni b'suċċess. Aqra l-manwâl. Issib traduzzjonijiet moderni, kif ukoll kotba maħruġin apposta biex jgħinuk tifhimha, bħall-Iscripture Union. Imma jekk trid issegwi l-istruzzjonijiet tiegħu jeħtieġlek, iva jeħtieġlek, tistudja l-manwâl tas-sewqan.

Naturalment, ħaġa oħra li dawk l-ewwel dixxipli rrealizzaw hi li ma timxix warajh waħdek. Id-dixxiplu għandu 'l sħabu miegħu. Huma msejħa flimkien. Segwew lill-imgħallem flimkien. Saru jinħabbu u jafdaw lil xulxin, għax kellhom lil Ġesù bħala l-Għalliem komuni tagħhom. Għandek bżonn Kristjani oħra jekk trid timxi wara Ġesù kif jixraq. Mur, fittex il-kumpanija tagħhom. Għidilhom x'għamilt. U itlob l-għajnuna tagħhom għal matul triqtek. Jeħtieġlek tibda tqim 'l Alla fil-pubbliku, kif ukoll tiltaqa' informalment ma' xi persuna oħra jew grupp ta' nies li magħhom tkun tista' tesprimi l-eżitazzjonijiet tiegħek, il-problemi u t-tfixkil. Din l-atmosfera jkollokbżonnha, speċjalment fil-jiem bikrija. Iddumx ma tibda tfittixha.

Ġesù għandu l-istess għan għalina bħalma kellu għal dawk l-ewwel dixxipli. 'Nagħmilkom tkunu sajjieda tal-bnedmin.' Inkunu għadna bogħod minn din l-ambizzjoni meta nersqu lejh fil-bidu. Ikollu biċċa xogħol tremenda x'iwettaq fina meta nibdew miegħu, u nħarsu lejh biex nitgħallmu minnu. Imma l-intenzjoni tiegħu hi li aħna wkoll inħajru lil nies oħra biex ikun jimportahom minnu, isiru jafuh u jħobbuh. Il-pjan tiegħu hi li jaħdem b'nies bħalna biex jirbaħ nies bħalna. Sempliċi, hux? U effettiv. Qed nassumi li jirbaħ il-konfidenza tagħna. Xi wħud jgħidu, 'Ma nasalx biex nitkellem dwar ir-reliġjon ma' ħbiebi.' Ħadd ma qallek tagħmel hekk. Ir-reliġjon hi aħbar ħażina. Ġesù aħbar tajba. Għidilhom x'qed tibda tiskopri fil-Ħabib u Mgħallem tiegħek, Ġesù. U peress li hi karriera għal ħajtek kollha, iżjed ma tibda kmieni aħjar. Mur għid lil xi ħadd illum jekk afdajt ħajtek f'idejn Kristu. M'għandekx għalfejn tagħżel l-iżjed wieħed xettiku u ostili miċ-ċorma ta' ħbiebek. Imma jaqbillek tiftaħ fommok ma ddumx. Dixxipli fil-moħbi ma jiswew xejn għal Ġesù. Qatt ma kisbu wisq fl-impjieg tas-sajd. Ġesù jridek tirrikmandah fost ħbiebek. U ngħidlek x'inhi n-naħa l-oħra tal-munita:

tipika tiegħu. Meta tagħmel kuraġġ biex titkellem dwaru, avolja forsi bit-tlaqliq, jagħtik sens qawwi ta' assigurazzjoni li inti tabilħaqq tiegħu, u li l-Ispirtu s-Santu qed jaħdem fik. Dan hu l-qalba ta' Rumani 10:9,10 u Mark 13:11. Versi tajbin. Fittixhom!

Ħu l-pass

Għadek ittella' u tniżżel tiħux il-pass? Mela ħa nfakkrek dwar ħaġa impressjonanti minn dis-silta qasira f'Mark, kapitlu wieħed. Ġesù ma qalx, 'Biss imxi warajja, u tgawdi ħajja meraviljuża.' Ġesù ma qalx, 'Sempliċament imxi warajja, u nagħtik kulma tixtieq qalbek.' Ġesù ma qagħadx ifissidhom u jgħid, 'Jekk jogħġobkom, ejjew u imxu warajja.' Le, ikkmandahom. M'hemmx ċajt u mogħdija taż-żmien. Kien diġa', ikollna nemmnu, urihom min kien, u x'seta' jagħmel għalihom. Ċertament lilna ma ħalliena f'ebda dubju dwar dawn il-ħwejjeġ. Issa jgħidilna, effettivament, 'Iżnu l-biċċa. Iddeċiedu. Mhux minħabba x'tistgħu tiksbu. Mhux għax il-ħajja ma tagħtikomx iżjed bis-sieq: altru. Mhux għax qed nappellalkom (għalkemm l-appell mhux nieqes). Imma ejjew, imxu warajja, għaliex dinhi l-unika reazzjoni xierqa għal imħabbti, li għalikom m'għandhiex limiti. Ejjew warajja għax m'hemm ebda mogħdija oħra kif tistgħu ssibu l-ħajja u twassluha lil ħaddieħor. M'inix sempliċament qed nagħtikom parir. M'inix nipprova nżiegħel bikom. Jien, Sidkom u Alla tagħkom lest inkun ukoll is-Salvatur u l-Ħabib tagħkom. Nikkmandakom. Ngħidilkom: ejjew, imxu warajja.'

X'se tagħmel?

## 12 Ikber Billi Jimportak

Aġenzija famuża ta' l-impjiegi f'Londra darba ftaħret li kibret għax kien jimportaha. Fiha x'tomgħod. Il-kobor ma jiġrix aċċidentalment fin-negozju: lanqas fil-ħajja Kristjana. Tikber biss meta jkun jimportak.

Issa t-Testment il-Ġdid ċertament jistenna minna li nikbru. Imma parti minna li m'għandhiex tikber hi rasna! Ma jkollokx għalfejn tarma b'kappell ikbar iżjed ma timxi wara Ġesù. Pjuttost il-kuntrarju. Aktar ma tqatta' ħin fil-kumpanija tiegħu aktar tibda tara lilek innifsek kif tabilħaqq int, u aktar tibda tirrealizza li kwalunkwe progress li tagħmel hu dovut lilu, mhux lilek. Xmun Pietru din tgħallimha bil-qares mill-esperjenza personali. Ir-raġel li ħaseb li qatt ma kien se jitbiegħed minn Ġesù spiċċa biex ċaħdu tlett darbiet dak il-lejl meta Ġesù kien arrestat. Iżjed tard jikteb, b'ċerta emozzjoni, 'Tlibbsu, ilkoll kemm intom, bl-umilta' lejn xulxin, għax "Alla jopponi lill-kburi, iżda jagħti grazzja lill-umli." Umiljaw lilkom infuskom mela taħt l-id setgħana t'Alla, biex jgħollikom f'waqtu' (1 Pietru 5:5f). L-oqsma li fihom nikbru huma pjuttost differenti.

Ikber billi tiekol

Tista' tkun xiħ meta tersaq lejn Ġesù bil-fidi, iżda xorta waħda tkun tarbija spiritwali. Bħalma t-tarbija tixxennaq għall-flixkun tal-ħalib, hekk il-Kristjan ġdid ikollu seba' mitt sena sakemm jixrob mill-ħalib spiritwali safi, biex bih jikber (ara l-1 Pietru 2:2). Il-ħalib spiritwali jinkludi qari mill-Bibbja, u ssibha għajnuna tremenda jekk taqbad xi sistema bħal dik prodotta mill-Iscripture Union. Anke jekk issib xi ħabib Kristjan u tiftiehmu taqrawha flimkien u jagħtik ftit għajnuna. Imma l-ikel spiritwali ma jikkonsistix biss fil-qari tal-Bibbja. Jinkludi t-talb - u hawn ukoll ikollna nammettu li għandna bżonn l-għajnuna. Jinkludi l-Ikla tal-Mulej: Ġesù ħallielna din l-ordinanza biex biha niftakru fih. Neħtiġuha regolarment. Fiha mhux biss niftakru li midjunin miegħu għalkollox talli ta ġismu u xerred demmu

għalina: fiha niċċelebrawh bħala l-Mulej imqajjem mill-mewt, u nħarsu 'l quddiem lejn dak il-jum meta nkunu miegħu.

Ikber billi tafda

'Għandna dejjem niżżuħajr 'l Alla għalikom, ħuti, kif inhu xieraq, għax il-fidi tagħkom tikber bis-sħiħ' (2 Tessalonkin 1:3). Il-fidili ġodda f'din il-belt Griega kienu qed jitgħallmu jafdaw fil-Mulej li ma setgħux jaraw. Kienu jafdawh biex jibnihom fl-imħabba għall-Insara l-oħra, biex jgħallimhom, u jipprotegihom matul perjodi diffiċli. Kienu jafdawh bil-problemi tagħhom u jfittxuh biex jiggwidahom. U hekk kibru fil-konfidenza u fl-esperjenza tagħhom fil-Mulej. 'Erħi f'idejn il-Mulej it-triq tiegħek; afda wkoll fih, u jagħmel hu' jgħid it-Testment il-Qadim (Salm 37:5). Forsi għall-ewwel żammew pass lura, iżda mbagħad it-Tessalonkin bdew jeżerċitaw il-fidi tagħhom: hekk ukoll int. Biex tiżviluppa fadallek x'taqdef.

Ikber billi taqsam ma' l-oħrajn

Il-Kristjaneżmu mhux vjaġġ waħdek. Trid timxi ma' ħaddieħor; tingħaqad f'tim. Alla mhux interessat jibdel l-individwi waħidhom. Irid juri x'kapaċi jagħmel f'komunita' ta' nies li tafdah. It-Testment il-Ġdid iwasslilna dan il-punt b'diversi modi. Nagħtikom żewġ eżempji mill-istess ittra, miktuba lill-Insara f'Efesu, dak iż-żmien il-belt ewlenija tat-Turkija. Intom, jgħidilhom l-appostlu, tixbħu membri differenti f'ġisem wieħed. Jeħtiġilkom tikbru u żżommu l-istess pass ma' xulxin, biex il-ġisem kollu jkun igawdi l-armonija u l-għaqda. 'Billi nitkellmu l-verità fl-imħabba, nikbru f'kollox fih, dak li hu r-ras, Kristu; li minnu l-ġisem kollu magħqud flimkien u msaħħaħ bl-irbit kollu li jagħti l-għajnuna, skond il-ħidma li hemm fid-daqs ta' kull biċċa, jaħdem il-kobor tiegħu għall-bini tiegħu nnifsu fl-imħabba' (Efesin 4:15ff). Stampa meraviljuża ta' kemm neħtieġu lil xulxin mill-qrib, ta' kemm fix-xirka tagħna jmissna nissapportjaw wieħed lill-ieħor. F'kapitlu 2 vers 21 jqiegħdha mod ieħor. Iqabbel lill-Insara, mhux ma' membri f'ġisem, imma ma' ġebel f'bini. Hu u jħares, donnu qed jara 'l-istruttura kollha mgħaqqda flimkien u tikber f'tempju qaddis għall-Mulej. Intom ukoll mibnijin f'dan it-tempju u flimkien issiru post fejn jgħammar l-Ispirtu s-Santu.' (Xi tgħidli dwarha din? Xi privileġġ! Jaqaw dan ma jgħinekx tikseb vista ġdida dwar ir-relazzjonijiet ta' bejnietna bħala Nsara? Nikbru billi nkunu flimkien. Ma tistax tirnexxi waħdek.)

Ikber billi tagħmel il-frott

Fil-Kolossin 1:10 Pawlu jesprimi l-ambizzjoni tiegħu biex jara lil ħutu jqattgħu ħajja denja tal-Mulej, jitgħallmu jogħġbuh f'kulma jagħmlu, u jipproduċu l-frott f'kull opra tajba, filwaqt li jissodaw fit-tagħrif t'Alla. Il-frott hu r-riżultat naturali tal-kobor, u hekk ukoll jiġri meta l-Ispirtu s-Santu jitħawwel fil-ħamrija ta' ħajjitna. Prinċipalment 'il-frott' jintuża fit-Testment il-Ġdid biex jindika l-kambjament fil-karattru tagħna u l-konverżjoni ta' nies oħra lejn Ġesù Kristu: dawn huma l-kwalitajiet li Alla jixtieq jara f'uliedu huma u jikbru.

Ebda wieħed minn dawn l-aspetti ta' kobor ma jiġri b'kumbinazzjoni. Attwalment trid taqbad Bibbja, trid tmur il-knisja, u trid tibda titlob jekk għandek f'moħħok li tikber billi tiekol. Trid tikkommetti l-problemi u t-tiġrib tiegħek lill-Mulej, jekk trid tikber fil-fidi. Trid twaħħalha f'rasek li tibqa' ma' Kristjani oħra jekk trid tikber f'ġisem wieħed, u bini wieħed. Jekk trid tipproduċi l-frott, trid titlob 'l Alla biex jittrasforma l-karattru tiegħek bil-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu; u biex bil-qlubija tiftaħ fommok u titkellem. Dawn il-ħwejjeġ jirrekjedu l-attenzjoni tagħna. Imma kwalunkwe kobor jeħtieġ l-attenzjoni. Tikber billi jimportak. Ma tridx tkun nanu fil-fidi, hux?

Tikber biss billi jkun jimportak...

www.tecmalta.org